



EIOPA-17-403_rev

20 ta' Marzu 2018
5 ta' Lulju 2018

Noti ta' spjegazzjoni tal-EIOPA dwar mudelli ta' rapportar

Mudelli ta' Analiżi tal-Varjazzjoni

- 1.1. F'dawn l-aħħar xhur, l-EIOPA rċeviet għadd ta' mistoqsijiet u tweġibiet li jindirizzaw ir-rapportar tal-mudelli tal-Analiżi tal-Varjazzjoni (S.29.01 sa S.29.04). Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet riċevuti koprew il-biċċa l-kbira tal-mudelli u jistaqsu kif il-mudelli għandhom jiġu interpretati f'ħafna oqsma. Ġħal din ir-raġuni l-EIOPA għażiex li tindirizza l-mistoqsijiet u t-tweġibiet riċevuti b'mod aktar strutturat u tipprovdi spjegazzjonijiet pass pass dwar il-mudelli involuti.
- 1.2. L-għan ta' din in-nota huwa li permezz tal-EIOPA tiprovvdi mistoqsijiet u tweġibiet dwar spjegazzjonijiet tal-proċess tar-Regolament u lista ta' mistoqsijiet u tweġibiet dwar it-tlestija tal-mudelli tar-rapportar kwantitattivi S.29.01 sa S.29.04 (kif definit fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2450 tat-2 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tal-formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).
- 1.3. Bħal kwalunkwe mistoqsija u tweġiba oħra, l-EIOPA tistenna li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw l-ispjegazzjonijiet u aktar kjarifiki dwar l-Istruzzjonijiet tal-ITS tar-rapportar inklużi f'dan id-dokument fil-implementazzjoni u r-rapportar tal-mudelli rigward is-sottomissjoni fi tmiem l-2017. Madankollu, huwa rikonoxxut li l-mudelli qajmu ħafna mistoqsijiet u dubji u dawn in-Noti qed jiġu ppubblikati qrib id-data tas-sottomissjoni u għalhekk huwa mistenni approċċ bl-aħjar sforz.

- 1.4. In-Nota għandha l-istruttura li ġejja:
- Mudell b'mudell, in-Nota tipprovdi spjegazzjonijiet u lista ta' mistoqsijiet u tweġibet; u
 - Anness 1 jipprovdi għadd ta' eżempji dwar negozju mhux tal-ħajja u negozju marbut ma' indiċi u mal-unità.
- 1.5. Il-korrezzjonijiet/l-emendi meħtieġa għall-Istruzzjonijiet tal-mudelli¹ se jiġu proposti għall-abbozz tal-korrezzjoni tal-ITS tal-2018 li ġħandu jiġi approvat mill-BoS tal-EIOPA f'Lulju 2018.
- 1.6. L-ġħan ta' dawn il-mudelli huwa li jispiegaw b'metriċi ekonomiċi għaliex u kif is-sitwazzjoni tal-impriża evolviet matul is-sena. Minħabba l-implikazzjoni li jkun hemm sentejn sħaħ ta' applikazzjoni ta' Solvenza II, dawn il-mudelli huma dovuti biss għall-ewwel darba b'referenza għal tmiem I-2017, fejn se tiġi pprovdata analiżi tal-varjazzjoni tal-fondi proprji bejn tmiem I-2016 u tmiem I-2017.
- 1.7. L-analiżi tal-varjazzjoni tinkludi erba' mudelli li jindirizzaw inputs differenti għall-varjazzjoni tal-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet (fondi proprji, investimenti u provvedimenti tekniċi). Biex tiġi vvalutata l-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet (EoAoL) minn sena għall-oħra, l-erba' mudelli għandhom jitqiesu fl-intier tagħhom.

Mistoqsija u Tweġiba Ġenerali

Mistoqsija u tweġiba 1479:

Hemm log fajl aġġornat għal S.29.04 li jirrifletti l-bidliet elenkti fl-Anness 2 tal-analiżi tal-Varjazzjoni maħruġa fid-29 ta' Ġunju 2017?

B'mod partikolari, tista' tikkonferma x'għandna nużaw għal C0020/R0040 f'S.29.04? Nużaw l-analiżi tal-Varjazzjoni, jew il-log fajl li nħareġ qabel?

Tweġiba:

Bħal fil-każ ta' kwalunkwe mistoqsija u tweġiba oħra, l-EIOPA tistenna li l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw l-ispjegazzjonijiet u aktar kjarifik iċċi dwar l-Istruzzjonijiet tal-ITS tar-rapportar inklużi fin-Nota ta' Spjegazzjoni tal-EIOPA dwar il-mudelli tar-rapportar - mudelli ta' Analiżi tal-Varjazzjoni fl-implementazzjoni u r-rapportar tal-mudelli rigward is-sottomissjoni fi tmiem I-2017. Madankollu, huwa rikonoxxut li l-mudelli qajmu ħafna mistoqsijiet u dubji u li l-kjarifika qed tiġi ppubblikata qrib id-data tas-sottomissjoni u għalhekk huwa mistenni approċċ bl-aħjar sforz.

¹ L-approċċ li ttieħed huwa li jiġu introdotti biss il-bidliet assolutament meħtieġa. Meta l-Istruzzjonijiet fl-ITS tar-rapportar ma kinu qed jikkontradixxu l-konklużjonijiet u l-gwida ta' din in-nota ta' spjegazzjoni, dawn mhux se jiġu emendati u għandhom jinqraw flimkien ma' dan id-dokument.

S.29.01 - Eċċess ta' Assi fuq I-Obbligazzjonijiet

- 1.8. Il-mudell ta' rapportar kwantitattiv S.29.01 jiġbor fil-qosor il-varjazzjoni tal-fondi proprji kif jidhru fil-mudelli tal-fondi proprji (S.23). Imbagħad issir enfasi biex jiġu iżolati l-varjazzjonijiet li ma "jispjegawx lilhom infushom":

Basic own funds before deduction for participations in other financial sector as foreseen in article 68 of Delegated Regulation 2015/35	Year N	Year N-1	Variation
	C0010	C0020	C0030
R0010 Ordinary share capital (gross of own shares)			
R0020 Share premium account related to ordinary share capital			
R0030 Initial funds, members' contributions or the equivalent basic own - fund item for mutual and mutual-type undertakings			
R0040 Subordinated mutual member accounts			
R0050 Surplus funds			
R0060 Preference shares			
R0070 Share premium account related to preference shares			
R0080 Reconciliation reserve before deduction for participations			A
R0090 Subordinated liabilities			
R0100 An amount equal to the value of net deferred tax assets			
R0110 Other own fund items approved by the supervisory authority as basic own funds not specified above			
R0120 Variation of total BOF items before adjustments			

Summary of basic own funds,
with data from S.23

- 1.9. Dan isir permezz ta' żum fuq iċ-ċellola "A" - Riżerva ta' rikonċiljazzjoni qabel tnaqqis għall-parteċipazzjoni - min-natura tal-entrati, minbarra l-entrati li jispjegaw lilhom infushom, sabiex tiġi iżolata l-EoAoL li għandha tiġi spjegata b'dan il-mudell:

Excess of assets over liabilities (Variations of BOF explained by Variation Analysis Templates)	R0130	X	X	X	B
Own shares	R0140	X	X	X	
Forseeable dividends, distributions and charges	R0150	X	X	X	
Other basic own fund items	R0160	X	X	X	
Restricted own fund items due to ring fencing and matching	R0170	X	X	X	
Total variation of Reconciliation Reserve	R0180	X	X	X	A

Split of the reconciliation reserve following the nature of funds => this allows to "exclude" from further analysis the components for which variation is self explanatory

- 1.10. Iċ-ċellola "A" tikkorrispondi għall-EoAoL nieħes l-ishma proprji, dividendi prevedibbli, entrati ta' fondi proprji bażiċi oħrajn, u entrati ta' fondi proprji ristretti.

- 1.11. Sabiex ikun hemm konformità ma' dan l-approċċ, iċ-ċelloli S.29.01.R0140 sa R0170 għandhom jiġu rrapporati bħala ammonti pożittivi jekk dawn għandhom jitnaqqsu minn EoAoL biex tiġi kkalkulata r-riżerva ta' rikonċiljazzjoni.

- 1.12. Fl-aħħar nett, issir analiżi dwar iċ-ċellola "B" - Varjazzjoni ta' EoAoL - skont l-oriġini:

Summary Analysis of Variation of Excess of Assets over Liabilities
Variations due to investments and financial liabilities
Variations due to technical provisions
Variations in capital basic own fund items and other items approved
Variation in Deferred Tax position
Income Tax of the reporting period
Dividend distribution
Other variations in Excess of Assets over Liabilities

R0190	X	X	X	S.29.02
R0200	X	X	X	S.29.03
R0210	X	X	X	
R0220	X	X	X	
R0230	X	X	X	
R0240	X	X	X	
R0250	X	X	X	

Split of the excess of assets over liabilities in order to identify the economic source of the variation.

- 1.13. It-total ta' dawn ir-ringieli jikkorrispondi għal "B". Biex ikun hemm konformità ma' dan l-approċċ, l-ammonti għandhom jiġu rrapporati pożittivi jew negattivi skont il-kontribuzzjoni tagħħom għall-varjazzjoni tal-

EoAoL. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati pożittivi jekk iżidu l-varjazzjoni u negattivi jekk inaqqsu l-varjazzjoni ta' EoAoL. Pereżempju, f'S.29.01.R0200 tnaqqis tal-provvedimenti tekniċi huwa rrapportat bħala ammont pożittiv peress li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-EoAoL (jekk jogħġbok ara BV144 tal-lista ta' validazzjonijiet).

- 1.14. Mhijiex l-intenzjoni ta' din il-parti tal-mudell li teħtieġ rekord dettaljat tal-varjazzjonijiet kollha. L-impriżi jistgħu jużaw approssimazzjonijiet biex jiksbu dawn l-ammonti. Mod wieħed kif jiġu vvalutati dawn l-ammonti jista' jkun billi jibdew jiġu ppreżentati S.29.02 u S.29.03 (biex wieħed jasal għall-ammonti li għandhom jiġu rrapportati f'S.29.01.R0190 u R0200) sakemm l-impriżi jkunu jistgħu jispiegaw l-ammonti rrapportati f'S.29.01.R0250, jekk materjali.
- 1.15. Jekk jogħġbok innota li S.29.01.R0190 għandu jkun l-istess bħas-somma ta' S.29.02.R0010, S.29.02.R0030, S.29.02.R0040 nieqes S.29.02.R0050 u S.29.01.R0200 għandu jkun l-istess bħal S.29.03.R0360 + R0370.
- 1.16. L-ammont irrapportat f'S.29.01.R0190 - Varjazzjonijiet dovuti għal investimenti u obbligazzjonijiet finanzjarji - se jiġi spjegat aktar fil-mudell S.29.02. Dan l-ammont għandu jikkorrispondi għas-somma ta' S.29.02.R0010, S.29.02.R0030, S.29.02.R0040 nieqes S.29.02.R0050. Meta timtela din iċ-ċellola, huwa importanti li wieħed jifhem il-kamp ta' applikazzjoni ta' "Investimenti" u "Obbligazzjonijiet Finanzjarji".
- 1.17. Għall-finijiet ta' dan il-mudell, "Investimenti" tinkludi l-entrati li ġejjin minn S.02.01. (Karta tal-bilanċċ): R0070 "Investimenti (minbarra assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u ma' unità)", R0220 ("Assi miżmuma għal kuntratti marbuta ma' indiċi u ma' unità"), R0230 ("Self u ipoteki"), R0350 ("Depożiti liċ-ċedenti"), R0410 ("Flus u ekwivalenti ta' flus") u R0790 ("Derivattivi" f'Obbligazzjonijiet). Jekk jogħġbok kun af li l-ishma propri mhumiex ikkunsidrati bħala "Investimenti" (ara l-paragrafu 1.19).
- 1.18. Din il-varjazzjoni ta' "Investimenti" mhijiex "varjazzjoni pura" peress li għandha tkopri biss il-varjazzjoni li twassal għal impatt fuq l-EoAoL, jiġifieri m'għandhiex tkopri akkwiżizzjonijiet (pereżempju mwettqa wara primjums riċevuti) jew bejgħ (pereżempju biex tħallas pretensjonijiet jew biex tinvesti mill-ġdid) iżda sempliċiment il-varjazzjoni dovuta għall-valutazzjoni, inkluż spejjeż/dħul (kif imsemmi S.29.01.R0190 jeħtieġ li jkopri l-ammonti kollha rrapportati f'S.29.02). Pereżempju, meta l-bonds jitħallsu lura dan jaistu ja' jaffettwa "Flus u ekwivalenti ta' flus" iżda ma jaffettwax l-EoAoL.
- 1.19. Għall-finijiet ta' dan il-mudell, "Obbligazzjonijiet finanzjarji" tinkludi l-entrati li ġejjin minn S.02.01. (Karta tal-bilanċċ): R0800 ("Djun dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu"), R0810 ("Obbligazzjonijiet finanzjarji għajr djun

dovuti lil istituzzjonijiet ta' kreditu") u R0850 ("Obbligazzjonijiet subordinati").

- 1.20. F'S.29.01.R0200 għandu jitqies ukoll l-ammont ta' provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità. Dawn il-mudelli ma jassumux newtralizzazzjoni perfetta tal-assi u l-obbligazzjonijiet relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità-. Ara wkoll il-kummenti dwar S.29.03.R0300.
- 1.21. L-ammont irrapportat f'S.29.01.R0200 huwa nett mir-riassigurazzjoni (jekk jogħġbok ara BV508 tal-lista ta' validazzjonijiet).
- 1.22. L-ammont irrapportat f'S.29.01.R0210 - Varjazzjonijiet f'entrati kapitali ta' fondi proprji bażiċi u entrati oħra approvati - jinkludi biss entrati ta' "kapital pur", jiġifieri jeskludi riżerva ta' rikonċiljazzjoni, obbligazzjonijiet subordinati u assi netti ta' taxxa differita iżda jinkludi ishma proprji u fondi surplus:
 - a) l-ammont ta' ishma proprji huwa inkluż f'S.29.01.R0210 u eskuż f'S.29.01.R0190;
 - b) l-ammont ta' fondi surplus huwa inkluż f'S.29.01.R0210 u peress li l-ammont/il-kalkolu tal-fondi surplus jista' jkollu sorsi differenti bħall-valutazzjoni tal-assi u l-provvedimenti tekniċi bl-użu tal-valutazzjoni ta' Solvenza II, il-valutazzjoni tal-assi u l-provvedimenti tekniċi bl-użu tal-valutazzjoni tar-rapporti finanzjarji, jew il-previżjoni ta' flussi spċifici ta' flus, l-aġġustamenti korrispondenti għandhom isiru f'S.29.01.R0250 jekk meħtieġ sabiex jiġi evitat għadd doppju.
- 1.23. S.29.01.R0220 - "Varjazzjoni f'pożizzjoni ta' Taxxa Differita" u S.29.01.R0230 - "Taxxa fuq l-Introjtu tal-perjodu ta' rapportar" għandhom jiġu ddeterminati skont l-Istruzzjonijiet tal-ITS tar-rapportar.
- 1.24. F'S.29.01.R0240 ("Distribuzzjoni tad-Dividend") id-distribuzzjoni tal-profitti għandha tiġi rrapportata skont l-Istruzzjonijiet tal-ITS tar-rapportar, inkluż kwalunkwe trasferiment tal-profitt lill-kumpanija prinċipali.
- 1.25. Jekk jogħġbok innota li l-aħħar ringiela ta' S.29.01.R0250 "Varjazzjonijiet oħra" għandha tirrifletti l-varjazzjoni ta' mill-inqas l-entrati li ġejjin:
 - Aġġustament meħtieġ biex jiġi eliminat l-għadd doppju mir-rapportar ta' fondi surplus;
 - Varjazzjoni tal-ammont ta' assi għajr investimenti kif definiti hawn fuq u obbligazzjonijiet oħra bħal pereżempju "proprjetà, impjanti u tagħmir miżmura għall-użu proprju" u "ammont riċevibbli tar-riassigurazzjoni" kif ukoll "ammonti pagabbli tar-riassigurazzjoni";
 - Flussi tekniċi għajr "primjums", "pretensjonijiet u beneficijiet netti minn salvataġġi u surrogi" u "spejeż (eskużi spejjeż ta' investiment)" li mhumiex irrapportati f'S.29.03.R0310 sa R0350.

- 1.26. L-ammont irrapportat f'S.29.01.R0250 għandu jirrifletti l-ammont meħtieġ biex jirrikonċilja l-ammonti rrapportati minn R0190 sa R0240 mal-ammont miksub bid-differenza bejn EoAoL fi tmiem il-perjodu u EoAoL fil-bidu tal-perjodu (R0130) (jekk jogħġbok ara BV144 tal-lista ta' validazzjonijiet).
- 1.27. Bħala konklużjoni, dawn iż-żewġ partijet tal-mudell jippreżentaw żewġ analiżi tal-EoAoL, waħda skont in-“natura” u waħda skont l-“oriġini” li tispjega għaliex l-elementi huma rrapportati aktar minn darba:

Analysis by "Nature"	Analysis by "Origin"
Own shares	+ Variations due to investments and financial liabilities
Forseeable dividends, distributions and charges	+ Variations due to technical provisions
Other basic own fund items	+ Variations in capital basic own fund items and other items approved
Restricted own fund items due to ring fencing and matching	+ Variation in Deferred Tax position
Reconciliation Reserve	+ Income Tax of the reporting period
	+ Dividend distribution
	+ Other variations in Excess of Assets over Liabilities

Excess of assets over liabilities (Variations of BOF explained by Variation Analysis Templates)

Mistoqsijiet dwar S.29.01 - Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet²

Mistoqsija u tweġiba 524:

Iċ-ċellola S.29.01.R0180 tidher li hija s-somma ta' R0130 sa R0170. Iżda suppost din taqbel ma' R0080? Jekk iva, allura dan huwa minnu nnifsu ambiguu peress li din it-taqSIMA (R0130-R0180) tidher li hija dwar il-varjazzjoni fir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni iż-żda R0130 hija l-varjazzjoni fl-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet. Din hija funzjoni kemm tal-GAAP P&L (fondi surplus) kif ukoll tar-riżerva ta' rikonċiljazzjoni. R0250 hija entrata waħedha jew subtotal?

Tweġiba:

Il-varjazzjoni tar-Riżerva ta' Rikonċiljazzjoni (S.29.01.R0180) tikkorrispondi għall-valur irrapportat f'R0130 nieħes is-somma ta' R0140 sa R0170. Il-valur irrapportat f'R0180 huwa l-istess bħal f'R0080/C0030. Dan fil-fatt huwa identifikat bħala “punt tad-data identiku” fl-“EIOPA_Solvenza II_Validationijiet”. Dan ifisser li meta jiġi rrapportat fl-XBRL dan l-ammont jiġi rrapportat darba biss. L-Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet (EoAoL) irrapportat f'R0130 huwa l-EoAoL Solvenza II, mhux funzjoni tal-GAAP tal-kontabilità.

Iċ-ċellola S.29.01.R0250 hija entrata waħedha u għandha l-għan li tippermetti rrapportar ta' kwalunkwe varjazzjoni li jifdal fl-EoAoL li ma tkunx koperta minn R0190 sa R0240 jew fil-każ ta' fondi surplus biex jiġi evitat għadd doppju fil-mudell.

² Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet riċevuti biss għalkemm l-għoddha tal-EIOPA għandhom għadd. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet l-oħra waslu matul il-proċess ta' konsultazzjoni ta' dan id-dokument.

Mistoqsjia:

Għandha l-varjazzjoni tal-Fond Surplus tiġi inkluża f'R0210 (kif iddikjarat fl-Istruzzjonijiet) jekk din il-varjazzjoni tkun diġà koperta bħala parti mill-kategoriji tal-varjazzjoni l-oħra (jiġifieri fiċ-ċelloli R0190, R0200 eċċ.) taħt l-“Analiżi fil-Qosor tal-Varjazzjoni tal-Eċċess ta’ Assi fuq l-Obbligazzjonijiet”?

L-inklużjoni tal-varjazzjoni tal-fondi surplus f'R0210 tirriżulta f'għadd doppju ta’ varjazzjoni relatata mal-fondi surplus?

Struzzjonijiet ta’ R0210: “Dan l-ammont jispjega parti mill-varjazzjoni tal-Eċċess tal-Assi fuq l-Obbligazzjonijiet minħabba l-movimenti fl-entrati kapitali “puri”, bħal kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma propri), azzjoni privileġġjata, fondi surplus”.

Tweġiba:

L-ammont ta’ Fondi Surplus għandu jiġi inkluż f’S.29.01.R0210 kif iddikjarat fl-Istruzzjonijiet. Barra minn hekk, peress li l-ammont ta’ Fondi Surplus jista’ jkollu sorsi differenti bħall-valutazzjoni tal-assi u l-provvedimenti tekniċi bl-użu ta’ valutazzjoni tas-Solvenza II, il-valutazzjoni tal-assi u l-provvedimenti tekniċi bl-użu ta’ rapporti finanzjarji, jew previżjoni ta’ flus speċifiċi, l-aġġustamenti korrispondenti għandhom isiru f’S.29.01.R0250 jekk meħtieġ biex jiġi evitat għadd doppju.

Mistoqsjia:

Ir-ringiela C0030/R0140 tippreżenta movimenti f'ishma propri filwaqt li S.29.01.C0030/R0190 tinkludi dan ukoll. Dan mhux għadd doppju?

Tweġiba:

L-aħħar żewġ tabelli tal-mudelli janalizzaw l-Eċċess ta’ Assi fuq l-obbligazzjonijiet skont in-“natura” tiegħu u skont l-“oriġini” tiegħu. Il-varjazzjoni tal-valur tal-ishma propri hija ppreżentata f'R0140 fl-analiżi “skont in-natura” (it-tieni tabella, R0130 sa R0180). Fit-tielet tabella (analiżi “skont l-oriġini”) l-ammonti tal-ishma propri huma rrapporatti f'R0210 iżda mhux f'R0190. Dawn iż-żewġ tabelli huma indipendenti u għalhekk, l-għadd doppju mhuwiex applikabbli.

Mistoqsjia:

Il-mudell ma jinkludix “bidla fil-perimetru”?

Tweġiba:

Korrett. Il-mudell għandu jirreferi biss għall-varjazzjoni fil-valur tal-investimenti, filwaqt li l-akkwiżizzjoni ta’ investimenti ġodda jew il-maturazzjoni/bejgħ ta’ investimenti mhumiex koperti. Din it-tip ta’ varjazzjoni għandha tiġi koperta minn mudelli oħra marbuta mal-attività li ħolqot varjazzjoni fl-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet. Pereżempju, l-impatt ta’ bidla fil-perimetru minħabba l-akkwist

jew iċ-ċessjoni ta' portafoll tal-assigurazzjoni, jew il-ħruġ sempliċi ta' negozju ġdid, se jiġi inkluż f'varjazzjonijiet minħabba provvedimenti tekniċi. Se tkun inkorporata fir-ringiela spċificika ta' S.29.01 (R0200) u spjegata fid-dettall f'S.29.03 (impatt nett bejn il-varjazzjoni tal-provvedimenti tekniċi u l-flussi tekniċi).

Mistoqsija:

S.29.01.R0200/C0030 għandu jkun nett ta' ammonti rekuperabbi mir-riassigurazzjoni?

Tweġiba:

Iva. L-ammont irrapportat għandu jkun nett ta' ammonti rekuperabbi mir-riassigurazzjoni. Jekk jogħġibok ara BV508 tal-lista ta' validazzjonijiet li jivvalida dan l-ammont kontra l-ammont rrapportati f'S.29.03.

Mistoqsija u tweġiba 1462:

Tikkonferma li għal C0030/R0200 "Varjazzjonijiet dovuti għal provvedimenti tekniċi netti" u konsegwentement għal C0120/R0360-R0370 f'S.29.03 għandna nagħmlu s-suppożizzjoni teoretika li l-assi marbuta ma' unità "jinnewtralizzaw" kompletament l-obbligazzjonijiet marbuta ma' unità (li mhuwiex il-każ) u jiżvelaw "l-impatt nett bejn l-Investimenti u l-Obbligazzjonijiet minn negozju marbut ma' unità u ma' indiċi" taħt C0030/R0250 "Varjazzjonijiet oħra fl-Eċċess ta' Assi fuq Obbligazzjonijiet"?

Bħala mistoqsija addizzjonal għal C0030/R0250, tista' jekk jogħġibok tiċċara għaliex l-entrati relatati mar-riassigurazzjoni huma mistennija taħt "Varjazzjonijiet oħra" jekk C0030/R0200 "Varjazzjonijiet dovuti għal provvedimenti tekniċi netti" għandhom ikunu netti mir-riassigurazzjoni, għalhekk ir-riassigurazzjoni inkluża?

Tweġiba:

Negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandu jiġi inkluż fl-analiżi mwettqa f'S.29.01 sa S.29.04. Dan ifisser li negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandu jiġi inkluż f'S.29.02 u rifless f'S.29.01.R0190; għandu jiġi inkluż fit-tabelli ewleni ta' S.29.03 u rifless f'S.29.01.R0200 u f'S.09.04 ukoll. Barra minn hekk, informazzjoni spċificika marbuta ma' indiċi u ma' unità hija mitluba f'S.29.03.R0300 għal informazzjoni. Din iċ-ċellola għandha tirrifletti l-impatt nett tal-ammont ta' assi miżmura minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u ta' provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità, inklużi l-flussi tekniċi, għandhom jiġu rrapportati għall-informazzjoni. Impatt pożittiv fil-varjazzjoni ta' EoAoL għandu jiġi rrappurtat pożittiv. Dan l-ammont huwa mitlub għal informazzjoni eżattament għaliex ma hemm l-ebda suppożizzjoni li l-assi marbuta ma' indiċi u ma' unità "jinnewtralizzaw" kompletament l-obbligazzjonijiet marbuta ma' indiċi u ma' unità.

Rigward I-inklużjoni tar-riassigurazzjoni f'S.29.01.R0250 I-osservazzjoni tiegħek hija totalment korretta, ammonti rekuperabbli mir-riassigurazzjoni ma għandhomx jiġu rrapportati f'S.29.01.R0250. Madankollu, jekk jogħġibok innota li I-ammonti riċevibbli mir-riassigurazzjoni għandhom jiġu rrapportati f'S.29.01.R0250.

Mistoqsijs u tweġiba 1487:

Nara t-tweġiba dwar Nov. Irreferejna għan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar il-Mudell ta' Analiżi tal-Varjazzjoni qabel u ma stajniex nifhmu r-raġonevolezza tat-trattament sħiħ dwar linja ta' negozju UL f'S.29s. Jekk jogħġibok ippermittelna nkunu aktar speċifiċi fil-kwistjoni.

- L-ewwel nett, I-eżempji kollha tal-każ fid-dokument ta' Spjegazzjoni huma għan-negożju NL. Ma narawx wieħed li jkopri linja ta' negozju UL bi stampa ġenerali: S.29.01.R0250, S.29.03 R0300/C0090, u S.29.04.R0070/C0010.
- It-tieni, li ssegwi "F'R0360/C0120- C0130 il-BE, RM u TP huma kkunsidrati fl-intier tagħhom iżda I-ammont huwa mbagħad "newtralizzat" bit-tnaqqis tal-ammont irrapportat f'R0300/C0090 li jirrifletti I-varjazzjoni fil-karta tal-bilanċ tal-Investiment miżimum min-negożju marbut mal-unità." F'paġna 18 tan-noti ta' spjegazzjoni, naħsbu li S.29.03 R0300/C0090 għandu jkun: -deltaBEL+delta UL+cfs. Madankollu, li ssegwi "- il-varjazzjoni fil-BE... u I-varjazzjoni tat-TP ikkalkulati fl-intier tagħhom (bejn I-aħħar tas-sena ta' qabel u s-sena ta' rapportar);
 - nieqes il-varjazzjoni f'(C0090/R0300) marbuta mal-unità ;
 - flimkien mal-ammont totali ta' flussi tekniċi netti, jiġifieri: flussi ta' dħul nieqes il-ħruġ (C0100/R0340 għal Ħajja u C0110/R0340 għal Mhux tal-Ħajja)." f'paġna 14, taqsima 1.35 tan-Noti ta' spjegazzjoni, is-sinjal tad-delta UL u I-flussi tekniċi għandhom ikunu opposti, li huwa kontradittorju mill-formula ta' hawn fuq: -deltaBEL+Delta UL+cfs
- It-tielet, jekk S.29.01 R0250 digħà jkopri assi u obbligazzjonijiet ffond UL u li huwa qrib ta' xulxin. U f'S.29.03 R0300/C0090: -deltaBEL+Delta UL+cfs, fejn naraw l-ewwel żewġ entrati jistgħu jikkanċellaw fuq livell kbir lil xulxin. Imbagħad tħares lejn I-istampa ġenerali billi żżid S.29.01 R0250, R0200, għall-linja ta' negozju UL, b'mod ġenerali aħna dejjem se niksbu:UL assi-UL obbligazzjoni +cfs. Aħna ma stajniex ninterpretaw it-tifsira ta' dan u I-iskop li jkollok dan.
- Ir-raba', f'S.29.01, jekk I-assi UL u I-obbligazzjoni UL bħala total jeħtieġ li jiġu koperti, jew il-bidliet f'dawn iż-żewġ entrati jeħtieġ li jiġu koperti? Allura a) Jekk jogħġibok improva formuli speċifiċi dwar S.29s b'eżempju UL fil-postijiet S.29.01.01 R0250, S.29.03 R0300/C0090, u S.29.04 R0070/C0010, u spjega r-raġonevolezza ta' dak li fl-aħħar S.29s jista' jkopri. b) CFs għal UL huma primjums grossi, pretensjonijiet grossi, spejjeż, jew tariffi UL biss ,spejjeż, u pretensjonijiet li jaqbżu I-fond UL? c) Jekk S.29.01 R0250 jista' digħà jkopri I-moviment ta' fondi proprji minħabba linja ta' negozju UL, allura għaliex

għandna għalfejn nippovdu aktar entrati ta' *data* relatati ma' linja ta' negozju UL f'S.29s?

Tweġiba:

Wara l-kummenti li waslu u l-avveniment pubbliku, l-EIOPA analizzat aktar l-għażiex biex jiġi rapportat negozju marbut ma' indiċi u ma' unità. L-aproċċ għandu jkun dan li ġej:

- F'S.29.02 u f'S.29.01.R0190, Assi miżmuma għal dawk marbuta ma' indiċi u ma' unità għandhom jiġu inklużi;
- F'S.29.03 (tabelli ewlenin), S.29.04 u f' S.29.01.R0200, l-aħjar stima minn dawk marbuta ma' indiċi u ma' unità għandha tiġi inkluża (S.29.03.R0360/C0120 u C0130 għandha tħalli l-aħjar stima, il-marġni ta' riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u l-miżura tranżitorja dwar il-provvedimenti tekniċi tan-negozju kollu);
- F'S.29.03.R0300, għall-informazzjoni biss, l-impatt nett tal-ammont ta' assi miżmuma min-negozju marbuta mal-indiċi u mal-unità u tal-provvedimenti tekniċi - marbuta mal-indiċi u l-unità huwa mitlub, inklużi l-flussi tekniċi, għandhom jiġu rrapportati għall-informazzjoni. Impatt pożittiv fil-varjazzjoni ta' EoAoL għandu jiġi rrappurtat pożittiv.

Mistoqsijsa:

L-interpretazzjoni tagħna ta' R0250 "Varjazzjonijiet oħra fl-Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet f'S.29.01 hija li għandu jkun fiha varjazzjonijiet residwi mhux koperti minn ringieli oħra f'S.29.01. Il-varjazzjoni kkawżata mid-differenza fil-valutazzjoni tal-investimenti f'fondi marbuta (skont id-dettall fil-Mistoqsijsa ta' hawn fuq) tista' tkun pjuttost kbira u għalhekk ma nemmnu li għandha tiġi inkluża f'R0250, madankollu, jidher li ma hemm l-ebda post loġiku ieħor biex tiġi rrapportata.

Tweġiba:

Jekk jogħġibok ara t-tweġiba preċedenti.

S.29.02 - Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet - spjegat permezz ta' investimenti u obbligazzjonijiet finanzjarji

- 1.28. Bħal f'S.29.01 il-varjazzjoni koperta f'dan il-mudell mhijiex "varjazzjoni pura" peress li għandha tkopri biss il-varjazzjonijiet li jwasslu għal impatt fuq l-EoAoL.

1.29. Il-mudell S.29.02 jagħti dettalji dwar l-impatt fuq il-fondi proprji tal-investimenti kif identifikat fil-mudell S.29.01.R0190 li jirriżulta kemm mid-dħul kif ukoll mill-movimenti ta' valutazzjoni.

1.30. Dan il-mudell jinkludi ammonti li jirreferu għal:

- Investimenti f' S.29.02.R0010 (kif deskrirt fil-paragrafu 1.17);
- Ishma proprji f'S.29.02.R0020;
- Obbligazzjonijiet finanzjarji f'S.29.02. R0030 (kif deskrirt fil-paragrafu 1.19).

1.31. Dan il-mudell jeskludi l-ammonti li jirreferu għal "Proprjetà, impjanti u tagħmir miżmura għall-użu proprju", assi oħrajin u "obbligazzjonijiet għajr il-provvedimenti tekniċi", li mhumiex ikkunsidrati bħala investimenti u obbligazzjonijiet finanzjarji (kif deskrirt fil-paragrafu 1.23).

1.32. Fil-każ speċifiku ta' "ishma proprji", il-varjazzjoni fil-valutazzjoni ta' din l-entrata hija rrapportata biss f'S.29.02.R0020.

Analysis of movements affecting Excess of Assets over Liabilities

Of which movements in valuation with an impact on Excess of Assets over Liabilities

Valuation movements on investments

Valuation movements on own shares

Valuation movements on financial liabilities and subordinated liabilities

Of which Investments revenues and expenses with an impact on Excess of Assets over Liabilities

Investment revenues

Investments expenses incl. Interest charges on subordinated and financial liabilities

Variation in Excess of Assets over Liabilities explained by Investments and financial liabilities management

Detail of Investment revenues

Dividends

Interests

Rents

Other

	C0010
R0010	
R0020	
R0030	
	X
R0040	C
R0050	
R0060	S.29.01
	X
R0070	
R0080	
R0090	
R0100	

} Sum of these lines
should correspond to C

1.33. L-ammont irrapportat f'S.29.02.R0060 għandu jkun is-somma ta' R0010 sa R0040 nieqes R0050. L-ammonti rrapporati minn R0010 sa R0030 għandhom jiġu rrapporati bħala ammonti pożittivi jew negattivi skont il-kontribuzzjoni għall-varjazzjoni tal-EoAoL. L-ammonti għandhom jiġu rrapporati pożittivi jekk iżidu l-varjazzjoni u negattivi jekk inaqqsu l-varjazzjoni ta' EoAoL. Pereżempju, f'R0030 tnaqqis fl-obbligazzjonijiet finanzjarji huwa rrapporat bħala ammont pożittiv peress li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-EoAoL. L-ammonti rrapporati f'R0040 u R0050 għandhom isegwu l-aproċċi prestabbilit u jiġu rrapporati bħala pożittivi jekk ikunu konformi man-natura tagħhom.

1.34. B'mod ġenerali, l-ammonti fir-rigward tal-investimenti rrapporati f'dan il-mudell għandhom ikunu konsistenti ma' dawk irrapportati f'S.09.01. Dan ifisser li:

- a) l-ammonti rrapporati f'S.29.02.R0010 għandhom ikunu konsistenti mal-ammonti rrapporati f'S.09.01. C0100 u C0110 (qligħ u telf realizzat u mhux realizzat li jwassal għal varjazzjoni ta' EoAoL);

b) I-ammonti li għandhom jiġu rrapportati f' S.29.02.R0070 sa R0090 għandhom isegwu l-approċċ ta' valutazzjoni segwit f'S.09.01.

Madankollu, id-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ mudelli għandhom jiġu nnutati wkoll.

1.35. S.29.02.R0040 għandha tkun is-somma ta' S.29.02.R0070 sa R0100 (jekk jogħġbok ara BV145 tal-lista ta' validazzjonijiet).

1.36. F'S.29.02.R0050 għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' flussi tekniċi (spejjeż ta' investiment iggwadanjati matul il-perjodu u li mhumiex riflessi fl-aħjar stima tat-tmiem). Normalment jiġu rrapportati f'S.29.03.R0330 iżda din iċ-ċellola eskludiet b'mod espliċitu l-ammont fuq l-ispejjeż tal-investiment.

Mistoqsijiet dwar S.29.02 - Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet - spjegati mill-investimenti³

Mistoqsija u tweġiba 1143:

S.29.02 "Analiżi ta' bidliet minħabba investimenti u obbligazzjonijiet finanzjarji" QRT tkopri dħul, qligħ u telf fuq investimenti għajr assi miżmura għal fondi marbuta ma' unità u ma' indiċi. Il-log fajl S.29.02 jiddikjara "Fir-rigward tal-assi miżmura għal fondi marbuta ma' unità u ma' indiċi, l-aġġustament fuq il-fondi proprji bażiċi relatati mal-valutazzjoni jitqies fil-mudell S.29.03." Madankollu, skont il-log fajl rilevanti, C0090/R0300 f'S.29.03 "Analiżi ta' bidliet minħabba provvedimenti tekniċi" tidher li qed titlob moviment fil-karta tal-bilanç bejn l-investimenti tal-bidu u dawk tat-tmiem ta' fondi marbuta ma' indiċi u ma' unità. Il-moviment fil-bilanç tal-investimenti (S.29.03) mhuwiex l-istess bħall-moviment tal-valutazzjoni (introjtu, qligħ u telf) imsemmi fil-log fajl S.29.02 u dan jikkawża differenza. Aħna inkludejna din id-differenza f'C0030/R0250 f'S.29.01 "Analiżi tal-varjazzjoni ta' eċċess ta' assi fuq obbligazzjonijiet" hekk kif m'aħniex ċerti fejn inkella se nirregistrarwha.

Jekk jogħġbok tista' tagħti parir jekk l-interpretazzjoni tagħna tal-mudelli S.29.02 u S.29.03 hijiex korretta u jekk iva, jekk jogħġbok tista' tikkonferma kif għandna nirrapprtaw id-differenza fil-valutazzjoni tal-investimenti f'fondi marbuta.

Tweġiba:

Jekk jogħġbok ara mistoqsijiet u tweġibiet dwar negozju marbut ma' indiċi u ma' unità taħt S.29.01.

³ Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet riċevuti biss għalkemm l-għoddha tal-EIOPA għandhom għadd. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet l-oħra ġew riċevuti matul il-proċess ta' konsultazzjoni ta' dan id-dokument.

Mistoqsijs:

Iċ-ċelloli “Dividendi” u “Interessi” jirreferu għad-data miksuba iżda d-data miksuba mhijiex konsistenti mal-perspettiva ekonomika u l-aproċċ tal-fluss tal-flus segwit fil-mudell. L-assiguraturi se jeżaminaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom biex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa li twassal għal taħlita ta’ bażi ta’ kejl fil-mudell.

Tweġiba:

Huwa korrett li l-aproċċ ta’ valutazzjoni huwa differenti iżda biex jiġi evitat piż-żejjed ta’ kalkolu mill-ġdid-fuq l-impriżi, l-ammonti kif irrapportati f’S.09.01 jistgħu jintużaw f’S.29.02, filwaqt li madankollu jitqiesu biss id-differenzi fil-kamp ta’ applikazzjoni.

S.29.03 - Eċċess ta’ Assi fuq l-Obbligazzjonijiet - spjegat minn provvedimenti tekniċi

- 1.37. Il-mudell S.29.03 jagħti dettalji dwar l-impatt tal-varjazzjonijiet tal-provvedimenti tekniċi fuq l-EoAoL. Ir-rabta bejn dan il-mudell u S.29.01 hija li s-somma ta’ S.29.03.R0360/C0120-C0130 u R0370/C0120-C0130 hija ugwali għal S.29.01.R0200/C0030, varjazzjoni ta’ EoAoL minħabba provvedimenti tekniċi.
- 1.38. Il-varjazzjoni ta’ EoAoL minħabba provvedimenti tekniċi ma tikkorrispondix għall-varjazzjoni bejn sentejn tal-ammont ta’ provvedimenti tekniċi kif muri fil-karta tal-bilanċ. Il-kontribuzzjoni għall-EoAoL minħabba l-provvedimenti tekniċi hija l-varjazzjoni tal-aħjar stima kkunsidrata flimkien mal-flussi tekniċi (primjums, pretensjonijiet u spejjeż li huma ppreżentati fir-ringieli R0310 sa R0350).
- 1.39. It-tabella ewlenija (R0010 sa R0290) tirrifletti biss l-ammonti relatati mal-aħjar stima, jiġifieri ma tinkludix il-marġni ta’ riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u lanqas il-miżura tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi. Madankollu, f’R0360 l-ammonti jirreferu għall-provvedimenti tekniċi totali, sabiex jinkludu l-aħjar stima, il-marġni ta’ riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u l-miżura tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi.
- 1.40. Dan il-mudell huwa dovut kemm għan-negozju tal-ħajja kif ukoll għal dak mhux tal-ħajja, madankollu dan ma jfissirx li r-ringieli kollha huma ugwalment rilevanti għat-tnejn li huma. Fir-rigward tan-negozju mhux tal-ħajja, għandha tiġi rrapportata l-aħjar stima kemm tal-provvediment tal-primjum kif ukoll tal-provvediment tal-pretenzjonijiet.

- 1.41. L-aħjar stima relatata ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandha tiġi inkluża wkoll f'R0010 sa R0290, preferibbilment f'R0010-R0140, jiġifieri skont is-sena ta' sottoskrizzjoni. F'S.29.03.R0300, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmuma minn negozju marbut ma' indiċi u unità u ta' provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom), inklużi l-flussi tekniċi, għandu jiġi rrapporat għall-informazzjoni. Impatt pożittiv fil-varjazzjoni ta' EoAoL għandu jiġi rrapporat pożittiv.
- 1.42. L-ammonti taħt analiżi huma l-motivaturi tal-varjazzjoni tal-aħjar stima u d-dħul u l-imposti tekniċi (dħul u ħruġ) kif dettaljat hawn taħt. Il-mudell huwa maqsum bejn l-obbligi ġestiti skont is-sena tas-sottoskrizzjoni (R0010 sa R0140) u l-obbligi ġestiti skont is-sena tal-aċċident (R0150 sa R0290) L-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' aċċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorită Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorită Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu jintuża, allura l-intrapriża tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif tiġġestixxi kull linja ta' negozju, kif definit fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, sakemm tuża l-istess metodu b'mod konsistenti, minn sena għal sena. Din il-kwistjoni hija applikabbli l-aktar għal negozju mhux tal-ħajja u ta' annwalitajiet. Fin-negozju tal-ħajja, minbarra l-annwalitajiet, huwa mistenni li tintuża s-sena ta' sottoskrizzjoni. Din l-għażla mhijiex relatata ma' kif tiġi kkalkulata l-aħjar stima u għal liema entrata tifforma l-aħjar stima iżda pjuttost, meta l-informazzjoni tintalab skont is-snin (jew il-perjodi fil-każ ta' S.29.04) f'kull sena/perjodu li għaliex jirreferi l-kuntratt.
- 1.43. Il-mudell jirrikjedi biss il-qsim tal-obbligi skont jekk l-obbligi humiex ġestiti skont sena ta' sottoskrizzjoni jew ta' aċċident. L-impatt huwa biss jekk l-ammonti humiex irrapportati fir-ringieli R0010 sa R0140 jew f'R0150 sa R0290, l-ebda tqassim skont is-sena ma huwa mitlub.
- 1.44. It-tabella ewlenija, minn R0010 sa R0120, minn R0150 sa R0270, R0310 sa R0340 u R0360 tirrifletti ammonti grossi ta' riassurazzjoni, R0130, R0140, R0280, R0290, R0350, u R0370 tirreferi għal ammonti rekuperabbli mir-riassurazzjoni u r-riżultat nett rekuperabbli mir-riassurazzjoni huwa rifless f'S.29.01.R0200/C0030 (jekk jogħġbok ara BV508 tal-lista ta' validazzjonijiet). L-ammonti relativi rekuperabbli mir-riassurazzjoni għandhom jiġu rrapporati negattivi jekk ikunu Assi.

Of which the following breakdown of Variation in Best Estimate - analysis per UWY if applicable

Opening Best Estimate
 Exceptional elements triggering restating of opening Best Estimate
 Changes in perimeter
 Foreign exchange variation
 Best Estimate on risk accepted during the period
 Variation of Best Estimate due to unwinding of discount rate - risks accepted prior to period
 Variation of Best Estimate due to year N projected in and out flows - risks accepted prior to period
 Variation of Best Estimate due to experience - risks accepted prior to period
 Variation of Best Estimate due to changes in non economic assumptions - risks accepted prior to period
 Variation of Best Estimate due to changes in economic environment - risks accepted prior to period
 Other changes not elsewhere explained
 Closing Best Estimate

LIFE	NON LIFE
Gross of reinsurance	Gross of reinsurance
C0010	C0020
R0010	
R0020	
R0030	
R0040	
R0050	S.29.04
R0060	
R0070	S.29.04
R0080	
R0090	
R0100	
R0110	
R0120	

Decomposition of variations of the technical provisions

Of which the following breakdown of Variation in Best Estimate - analysis per AY if applicable

Of which adjustments in Technical Provisions related to valuation of Unit linked contracts, with theoretically a neutralizing impact on Assets over Liabilities

Variation in Investments in unit-linked

LIFE	NON LIFE
Reinsurance recoverables	Reinsurance recoverables
C0030	C0040
R0130	
R0140	

Movements on UL that need to be neutralized

Technical flows affecting Technical provisions

Premiums written during the period
 Claims and Benefits during the period, net of salvages and subrogations
 Expenses (excluding Investment expenses)

Total technical flows on gross technical provisions

Technical flows related to reinsurance during the period (recoverables received net of premiums paid)

LIFE	NON LIFE
C0100	C0110
R0310	s.29.04
R0320	s.29.04
R0330	s.29.04
R0340	
R0350	

Technical flows

Variation in Excess of Assets over Liabilities explained by Technical provisions

LIFE	NON LIFE
C0120	C0130
Gross Technical Provisions	
Reinsurance recoverables	s.29.01
R0360	
R0370	

1.45. It-tabella ta' hawn taħt tkompli tispjega l-aspettattivi rigward it-tifsira u żjid il-kummenti ta' kull ringiela tal-mudell minn R0020 sa R0110 u minn R0160 sa R0260 għal negozju tal-ħajja u mhux tal-ħajja. Madankollu, jekk jogħġibok innota li l-aspett l-aktar importanti ta' dan il-mudell huwa li dan għandu jirrifletti kemm jista' jkun l-analiżi mwettqa mill-impriżza u tinżamm b'mod konsistenti matul iż-żmien. F'każ ta' dubju, l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jikkuntattjaw lill-Awtorità Superviżorja Nazzjonali tagħħom.

1.46. L-ammonti fl-“Aħjar Stima tal-Bidu” u fl-“Aħjar Stima tat-Tmiem” għandhom jiġu rrapportati bl-istess sinjal kif irrapportat fil-karta tal-bilanċ. L-ammonti rrapportati minn R0020 sa R0110 u minn R0160 sa R0260 għandhom ikunu pożittivi jekk iżidu l-aħjar stima tat-tmiem u negattivi jekk inaqqsu l-aħjar stima tat-tmiem.

	Sommarju tal-istruzzjonijiet	Eżempju tal-ħajja/Kumment addizzjonali	Eżempju mhux tal-ħajja/Kumment addizzjonali
Elementi ta' eċċeżżjoni li jiskattaw dikjarazzjoni mill-ġdid tal-Aħjar Stima tal-bidu (R0020/R0160)	<p>Essenzjalment għandhom jikkonċernaw bidliet materjali fil-mudelli (f'każ li jintużaw mudelli), korrezzjoni tal-mudelli u modifikasi oħra għall-mudelli. Ma għandhomx jikkonċernaw tibdil fis-suppożizzjonijiet.</p> <p>Għandhom ikunu relatati biss ma' bidliet fl-ammonti tal-aħjar stima li kienu fl-aħjar stima tal-bidu u li jibqgħu fl-aħjar stima tat-tmiem.</p>	Dawn iċ-ċelloli huma mistennija li jkunu applikabbli l-aktar għal negozji tal-ħajja.	Mistennija li ma jkunux applikabbli minħabba rr-iżervazzjoni tal-każ.
Bidliet fil-perimetru (R0030/R0170)	L-ammont tal-aġġustament fl-Aħjar Stima tal-bidu relatati ma' bidliet f'perimetru tal-portafoll bħal bejgħ ta' (parti minn) portafoll u xiri. Dan jista' jinkludi wkoll bidliet f'perimetru minħabba obbligazzjonijiet li jevolvu f'annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti Mhux tal-ħajja (li jiskattaw xi)	<p>Fir-rigward tal-annwalitajiet, l-ammonti rrapportati f'S.29.03 għandhom jiġu skontati. Anki jekk tkun mistennija rabta għal S.16.01, l-ammonti se jkunu differenti.</p> <p>Ix-xiri ta' portafoll tal-ħajja minn kumpanija oħra huwa eżempju ieħor.</p>	<p>Ix-xiri ta' portafoll minn kumpanija oħra.</p> <p>Jidher ukoll l-aktar wara r-rikonoxximent tal-annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti Mhux tal-ħajja.</p> <p>Għaldaqstant, f'każ li l-annwalitajiet jiġu rtirati mir-rikonoxximent minn Mhux tal-ħajja għall-ħajja, jeħtieġ li jimtlew iż-żewġ kolonni.</p>

	bidliet minn Mhux tal- Ħajja għal tal- Ħajja).			
Varjazzjoni fil-kambju barrani (R0040/R0180)	F'dan il-każ, il-varjazzjoni fil-kambju barrani hija fil-fatt maħsuba biex tīgħi applikata għal kuntratti li jkunu saru f'muniti differenti mill-munita tal-karta tal-bilanċ. Għall-kalkolu, il-flussi tal-flus ta' dawn il-kuntratti li jinsabu fl-Aħjar Stima tal-bidu jiġu sempliċement konvertiti minħabba l-varjazzjoni tal-kambju.	Tapplika għal responsabbiltajiet li għandhom Flussi ta' Flus ikkalkulati f'muniti differenti. Tippermetti t-tqabbil tal-aħjar stima tal-bidu u tat-tmiem daqslikieku ma seħħet l-ebda varjazzjoni fil-kambju.	Tapplika għal responsabbiltajiet li għandhom flussi ta' flus ikkalkulati f'muniti differenti. Tippermetti t-tqabbil tal-aħjar stima tal-bidu u tat-tmiem daqslikieku ma seħħet l-ebda varjazzjoni fil-kambju.	
L-aħjar stima tar-riskji aċċettati matul il-perjodu (għas-sena tas-sottoskrizzjoni biss) R0050	Flussi ta' flus futuri mistennija (gross tar-riassigurazzjoni) inklużi fl-Aħjar Stima u relatati mar-riskji aċċettati matul il-perjodu	Flussi ta' flus futuri mistennija (gross tar-riassigurazzjoni) relatati ma' riskji aċċettati matul il-perjodu.	Żieda fl-aħjar stima tal-primjum u l-provvediment tal-pretensijni minħabba r-riskji aċċettati matul il-perjodu. Ir-riskji aċċettati matul il-perjodu għandhom jinkludu kwalunkwe responsabbiltà ġidida mhux riflessa fl-aħjar stima tal-bidu, jiġifieri mhux prevista fil-flussi ta' flus previsti, kemm jekk minn kuntratti ġodda, primjums ġodda, żieda fil-primjums, eċċ.	Eżempji: assigurazzjoni ta' grupp eżistenti fejn persuni ġodda jingħaqdu mal-grupp, u fejn din ma kinitx riflessa fil-BE tal-bidu għandha titqies bħala "riskju aċċettat matul il-perjodu".

			L-iskattatur għall-qasma bejn “riskji aċċettati matul jew “qabel” il-perjodu għandu jkun jekk il-Flusista’ Flus kienu kkunsidrati fil-BE tal-bidu jew le u mhux jekk l-impriżza jkollhiex is-setgħa li tirrifjuta r-responsabbiltà l-ġdida.
Varjazzjoni tal- Aħjar Stima dwar ir-riskju kopert wara l-perjodu (għas-sena tal- aċċident biss) R0190	Tirreferi għal bidliet (parti minn) Provvedimenti tal- Primjum (jiġifieri fir- rigward tal-obbligi rikonoxxuti kollha fil- konfini tal-kuntratt fid- data tal-valutazzjoni fejn il-pretensjoni tkun għadha ma seħħitx) - ara l-proposta biex jiġu kkoreġuti/jiġu emendati l- Istruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta’ Marzu.	Mistennija li ma tkunx applikabbi.	Differenza bejn il- provvedimenti tal- primjums fi tmiem is-Sena (N) u (N-1) relatati ma’ perjodu ta’ kopertura li jibda wara t-tmiem tas- Sena N.
Varjazzjoni tal- Aħjar Stima fuq ir- riskji koperti matul il-perjodu (għas- sena ta’ aċċident biss) R0200	Tirreferi għall-każijiet li ġejjin: a) (parti minn) II- Provvedimenti tal- Primjums fi tmiem is-Sena N-1 li saret Provvedimenti tal- Pretensionijiet fi tmiem is-sena N minħabba li saret pretensjoni matul il-perjodu; b) provvedimenti tal- pretensionijiet relatati ma’ pretensionijiet li	Mistennija li ma tkunx applikabbi.	Tirrifletti ż-żieda tal-Aħjar Stima minħabba l- pretensionijiet li seħħew matul il-perjodu. Iż-żieda fil-provvediment tal-pretensjoni tkun oħħla mit-naqqis fil- provvediment tal-primjum, eż-żgħid f'kuntratt pluriennali. Ma hija mitluba l-ebda qasma bejn il- provvediment tal-primjum u l-pretensjoni.

	<p>saru matul il-perjodu (li għalihom ma kienx hemm provvedimenti tal-primjums fi tmiem is-sena N-1).</p> <p>Ara l-proposta biex tikkoreġi/temenda l-Istruzzjonijiet li għandha tiġi ppubblikata sal-aħħar ta' Marzu.</p>		
Varjazzjoni tal-Aħjar Stima minħabba t-tnejħija ta' rata ta' skont - riskji koperti qabel il-perjodu (R0060/R0210)	<p>Il-kunċett ta' tnejħija jista' jintwera kif ġej: Ikkalkula mill-ġdid l-Aħjar Stima tas-sena N-1 iżda billi tuża l-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imġħax ittrasferita sabiex tiżola dan il-kamp ta' applikazzjoni strett ta' varjazzjoni.</p>	<p>Din iċ-ċellola hija d-differenza bejn il-BE tal-bidu aġġustat u l-BE li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-istruttura tat-terminu ttrasferit sena bil-quddiem (jiġifieri l-kurva forward ta' sena).</p> <p>Għażċ-ċelloli R0220-R0240 tiġi applikata l-kurva forward.</p>	<p>Din iċ-ċellola hija d-differenza bejn il-BE tal-bidu aġġustat u l-BE li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-istruttura tat-terminu ttrasferit sena bil-quddiem (jiġifieri l-kurva forward ta' sena).</p> <p>Għażċ-ċelloli R220-R240 tiġi applikata l-kurva forward.</p>
Varjazzjoni tal-Aħjar Stima minħabba s-sena N prevista fi flussi ta' dħul u ħruġ – riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu (R0070/R0220)	<p>Primjums, pretensjonijiet, u ċediment li kienu mbassra dwar l-Aħjar Stima tal-Bidu (relatati ma' riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu) li għandhom jitħallsu matul is-sena. Dawn mhux se jibqgħu fl-Aħjar Stima tat-tmiem minħabba li jkunu tħallsu/ġew riċevuti matul is-sena.</p>	<p>Il-flussi tal-flus kollha għandhom jiġu kkunsidrati (flussi ta' dħul u ħruġ ta' flus).</p> <p>Tirreferi biss għan-newtralizzazzjoni tal-flussi ta' flus previsti għal dik is-sena.</p> <p>Il-flussi ta' flus reali riċevuti/imħallsin sejkunu riflessi fit-tabella dwar il-flussi tekniċi.</p> <p>Simili għal mhux tal-ħajja.</p>	<p>Il-flussi tal-flus kollha għandhom jiġu kkunsidrati (flussi ta' dħul u ħruġ ta' flus).</p> <p>Tirreferi biss għan-newtralizzazzjoni tal-flussi ta' flus previsti għal dik is-sena.</p> <p>Il-flussi ta' flus reali riċevuti/imħallsin sejkunu riflessi fit-tabella dwar il-flussi tekniċi.</p> <p>Eżempju 1: provvediment tal-pretensjoni ta' 100</p>

	Għalhekk ikollha titwettaq newtralizzazzjoni tal-aġġustament.		<p>mistennija li titħallas fis-sena n, imħallsa 105 matul is-sena n. Din ir-ringiela għandha turi -100. Il-ħlas ta' 105 jiġi rrapporat biss fi flussi tekniċi.</p> <p>Eżempju 2: provvediment tal-pretensjoni ta' 100 mistennija li titħallas fis-sena n, 50 imħallsa matul is-sena n. Din ir-ringiela għandha turi -100. Il-ħlas ta' 50 jiġi rrappurtat biss fi flussi tekniċi. (pretensjoni magħluqa)</p> <p>Eżempju 3: provvediment tal-pretensjoni ta' 100, 50 mistennija li titħallas fis-sena n u 50 oħra fis-sena n+1, 50 imħallsa matul is-sena u provvediment tar-rieżami għal 55 (flimkien ma' 5 milli fil-bidu). Din ir-ringiela għandha turi -50. Il-ħlas ta' 50 jiġi rrapporat biss fi flussi tekniċi. U R0080 se turi żieda ta' 5.</p>
Varjazzjoni tal-Aħjar Stima minħabba l-esperjenza u sorsi oħra - riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu (R0080/R0230)	<p>Il-varjazzjoni tal-Aħjar Stima koperta hawnhekk għandha tkun strettament relatata mar-realizzazzjoni stretta tal-flus ta' flus meta mqabbla mal-flus ta' flus li kienu previsti, jekk il-varjazzjoni xorta taffettwa l-aħjar stima tat-tmiem.</p> <p>Għall-finijiet tal-kalkolu, u f'każ ta' nuqqas ta'</p>	<p>Iċ-ċellola għandha tinkludi l-impatt fil-flus ta' flus futuri minħabba l-esperjenza fis-sena n (mhux relatata mas-suppożizzjonijiet).</p> <p>Eżempji:</p> <p>Ammont ogħla/aktar baxx ta' ċedimenti fis-sena n li jaġid il-flus ta' flus futuri.</p>	<p>Iċ-ċellola għandha tinkludi l-impatt fil-flus ta' flus futuri minħabba l-esperjenza fis-sena n (mhux relatata mas-suppożizzjonijiet).</p> <p>Eżempji:</p> <p>Tnaqqis fil-veloċità/tħaffif tal-ħlasijiet.</p> <p>Eżempju 1: provvediment tal-pretensjoni ta' 100, 105 imħallsa matul is-sena. Din ir-ringiela hija żero peress li</p>

	<p>disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-flussi ta' flus realizzati, il-varazzjoni minħabba l-esperjenza tista' tiġi kalkulata bħala d-differenza bejn il-flussi tekniċi realizzati u l-fluss ta' flus previst.</p> <p>Ara l-proposta biex tikkoreġi/temenda l-Istruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.</p>	<p>L-impatt tal-imwiet fil-flussi tal-flus previsti għall-futur fir-rigward ta' dik il-persuna assigurata.</p> <p>Eżempju 1:</p> <p>Mewt waħda mhux prevista fis-sena n (l-ebda CF prevista għas-sena n):</p> <ul style="list-style-type: none"> - F'R0070 l-ebda tnaqqis; - F'R0080 aġġustament tas-CF futur; - Il-pagament fis-sena n jidher biss fil-flussi tekniċi (R0320). 	<p>I-pagament żejjed ma jħallix impatt fuq il-BE tat-tmiem</p> <p>Eżempju 2: provvediment tal-pretensjoni ta' 100, 50 imħalla matul is-sena u provvediment tar-rieżami għal 55 (5 iżjed mill-bidu). Din ir-ringiela għandha turi +5.</p>
Varazzjoni tal-Äħjar Stima minħabba bidliet fis-suppożizzjonijiet mhux ekonomiċi - riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu (R0090/R0240)	<p>Tirreferi prinċipalment għal bidliet fl-aħjar stima mhux xprunati minn flussi tekniċi realizzati u suppożizzjonijiet ta' bidliet marbuta direttament mar-riskji tal-assigurazzjoni (jiġifieri suppożizzjonijiet tal-metodoloġija ta' riżerva, suppożizzjonijiet dwar ir-rati ta' skadenza, inflazzjoni, eċċ), li jistgħu jissejħu suppożizzjonijiet mhux ekonomiċi.</p> <p>Ara l-proposta biex tikkoreġi/temenda l-Istruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.</p>	<p>Għandha tirrifletti l-bidliet fil-previżjonijiet tas-CF minn informazzjoni ġidha jew reviżjonijiet minħabba suppożizzjonijiet mhux ekonomiċi.</p> <p>Il-mortalità u l-imġiba tal-klient huma kkunsidrati bħala suppożizzjonijiet mhux ekonomiċi.</p> <p>Dan se jipprovd i-varazzjoni tal-Äħjar Stima strettament marbuta mal-bidliet f'dawn is-suppożizzjonijiet. Dan jista' ma jkoprix il-varazzjoni minħabba reviżjoni każ b'każ tal-RBNS, li għalhekk ikollha tiżdied jekk tkun relatata ma' bidla fis-suppożizzjonijiet. Dan l-ammont jista' jiġi rrapporat ukoll f'R0230 skont ir-raġunament wara r-reviżjoni.</p> <p>F'każiġiet fejn dawn il-bidliet ma jistgħux</p>	<p>Għandha tirrifletti l-bidliet fil-previżjonijiet tas-CF minn informazzjoni ġidha jew reviżjonijiet tal-IBNR minħabba suppożizzjonijiet mhux ekonomiċi.</p> <p>Dan se jipprovd i-varazzjoni tal-Äħjar Stima strettament marbuta mal-bidliet f'dawn is-suppożizzjonijiet. Dan jista' ma jkoprix il-varazzjoni minħabba reviżjoni każ b'każ tal-RBNS, li għalhekk ikollha tiżdied jekk tkun relatata ma' bidla fis-suppożizzjonijiet. Dan l-ammont jista' jiġi rrapporat ukoll f'R0230 skont ir-raġunament wara r-reviżjoni.</p>

	ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.	jingħarfu separatament mill-bidiet minħabba l-esperjenza, irrapporta ċ-ċifra totali taħt C0060/R0230. Bidliet ta' BE minħabba informazzjoni ġdida f'termini ta' djagonali ġdid fit-triangolu tal-pretensionijiet imħalla/imbarrba jiġu koperti fiċ-ċellola R0230, filwaqt li bidliet minħabba suppożizzjonijiet attwarjali ġodda jew aġġornati (eż. luu ta' fatturi ta' żvilupp differenti, bidliet fil-metodu ta' riżerva attwarjali (eż. mill-metodu taċ-chain ladder sa dak tal-Loss-Development ect.) jiġu koperti f'R0240.	
Varjazzjoni tal- Aħjar Stima minħabba bidliet fl-ambjent ekonomiku - riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu (R0100/R0250)	Dan prinċipalment jirreferi għal suppożizzjonijiet mhux direttament marbuta ma' riskji tal- assigurazzjoni, jiġifieri prinċipalment l-impatt tal-bidliet fl-ambjent ekonomiku fuq flussi ta' flus (fejn jitqiesu l- azzjonijiet tal-ġestjoni, eż. tnaqqis tal-FDB) u bidliet fir-rati ta' skont.	Dan se jipprovd i- varjazzjoni tal-Āħjar Stima strettament marbuta ma' bidliet fis-suppożizzjonijiet relatati mal-ambjent ekonomiku.	Għal mhux tal-ħajja (C0060/R0250), f'każ li l- varjazzjoni minħabba l- inflazzjoni ma tistax tiġi separata mill-bidliet minħabba l-esperjenza, l- ammont sħiħ jiġi rapportat taħt C0060/R0230.
Bidliet oħra li mħumiex spjegati xi mkien ieħor (R0110/R0260)	Tikkorrispondi għal varjazzjonijiet oħra fl- Āħjar Stima, mhux koperta f'ċelloli preċedenti	Tista' tintuża għall- aġġustament finali jekk ikun meħtieġ li jiġi ġġustifikat il-materjal	Tista' tintuża għall- aġġustament finali jekk ikun meħtieġ li jiġi ġġustifikat il-materjal

1.47. It-tieni tabella (R0310 sa R0350) tal-mudell tirrifletti l-flussi tekniċi relatati mal-provvedimenti tekniċi. Dawn l-ammonti għandhom jinkludu l-flussi tekniċi marbuta ma' negozji marbuta ma' indiċi u ma' unità. L-ammonti kollha għandhom jiġu rrapporati pożittivi jekk ikunu konformi man-natura tagħhom, eż. fluss ta' flus relatati mal-primjums bħala flussi pożittivi u ta' ħruġ ta' flus relatati mal-pretensjonijiet bħala pożittivi wkoll (jekk jogħġibok ara wkoll BV146 u BV147 tal-lista ta' validazzjonijiet).

1.48. L-ammonti li għandhom jiġu rrapporati f'din it-tabella għandhom ikunu konsistenti ma' dawk irrapportati f'S.05.01. Għal R0310 huma mistennija l-istess valuri filwaqt li għal R0330 għandha tiġi nnutata d-differenza minħabba l-ispejjeż ta' investiment. Is-suppożizzjoni hija li kwalunkwe fluss ta' dħul u ħruġ ta' flus tekniku jiġi rifless ukoll fir-responsabbiltà assunta fl-aħjar stima. Għandhom jiġu rrapporati biss il-flussi tal-flus tekniki msemmija b'mod espliċitu. Kwalunkwe fluss tekniku ieħor għajr "primjums", "pretensjonijiet u beneficiċċi, netti minn salvataġġi u surrogi" u "spejjeż (esklużi spejjeż ta' investiment)" ma għandhomx jiġu rrapporati f'dan il-mudell (ara wkoll il-kumment dwar S.29.01.R0250).

	Sommarju tal-istruzzjonijiet	Eżempju tal-ħajja/Kumment addizzjonali	Eżempju mhux tal-ħajja/Kumment addizzjonali
Primjums sottoskritti matul il-perjodu (R0310)	<p>Ammont ta' primjums sottoskritti matul il-perjodu mhux rifless fl-aħjar stima tat-tmiem</p> <p>Ara l-proposta biex tikkoreġi/temenda l-İstruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.</p>	<p>Primjums sottoskritti matul il-perjodu (primjums attwalment dovuti li jiġu riċevuti f'dik is-sena) li jikkorrispondu għal kuntratti rikonoxxuti matul il-perjodu.</p> <p>Għandhom jinkludu primjums kemm minn negozji eżistenti kif ukoll ġodda.</p> <p>Għal negozju ġdid sejkun hemm impatt f'EoAoL (bilanċ ta' din iċ-ċellola u S.29.03.R0050).</p> <p>Negozju eżistenti għandu jibbilanċja</p>	<p>Primjums sottoskritti matul il-perjodu li jikkorrispondu għal kuntratti ġodda rikonoxxuti matul il-perjodu.</p>

		(mhux neċessarjament netting) b'varjazzjoni korrispondenti fl-aħjar stima (S.29.03.R0020, S.29.03.R0080, possibbilment ukoll S.29.03.R0090, S.29.03.R0100). Il-bilanċ huwa l-impatt f'EoAoL.	
Pretensjonijiet u Benefiċċji matul il-perjodu, netti mis-salvataġġi u s-surrogi (R0320)	L-ammont ta' pretensjonijiet u benefiċċji matul il-perjodu, netti mis-salvataġġi u s-surrogi, rispettivament għal Ħajja u Mhux tal-Ħajja mhux rifless fl-aħjar stima tat-tmiem.	Flussi ta' flus fir-rigward ta' pretensjonijiet u benefiċċji saldati liema flussi ta' flus, jekk previsti qabel, ma għadhomx fl-aħjar stima tat-tmiem. Pereżempju: Ħlas wara mewt waħda.	Flussi ta' flus rigward pretensjonijiet u benefiċċji saldati liema flussi ta' flus, jekk previsti qabel, ma għadhomx fl-aħjar stima tat-tmiem
Spejjeż (eskuži spejjeż ta' investiment) (R0330)	L-ammont ta' spejjeż (eskuži l-ispejjeż tal-investiment - li huma rrapporati taħt S.29.02) mhux riflessi fl-aħjar stima tat-tmiem.	Flussi ta' flus imħallsa fir-rigward tal-ispejjeż. Għandhom jeskludu flussi relatati ma' spejjeż ta' investiment li huma rrapporati taħt S.29.02.	Flussi ta' flus imħallsa fir-rigward tal-ispejjeż. Għandhom jeskludu flussi relatati ma' spejjeż ta' investiment li huma rrapporati taħt S.29.02.
Flussi tekniċi relatati ma' riassigurazzjoni matul il-perjodu (rekuperabbi riċevuti netti mill-primjums imħallsa)	L-ammont totali ta' flussi tekniċi relatati ma' ammont rekuperabbi mir-riassigurazzjoni matul il-perjodu, jiġifieri ammonti rekuperabbi	Flussi ta' flus imħallsa u riċevuti fir-rigward ta' ammonti rekuperabbi mir-riassigurazzjoni	Flussi ta' flus imħallsa u riċevuti fir-rigward ta' ammonti rekuperabbi mir-riassigurazzjoni

(R0350)	riċevuti netti mill-primjums,		
---------	-------------------------------	--	--

1.49. Il-varjazzjoni fl-EoAoL spjegata mill-provvedimenti tekniċi - imbagħad tiġi kkalkulata, meta jitqiesu l-ammonti tal-aħjar stima grossa, il-marġni ta' riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u l-miżura tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi (R0360) kif ukoll ir-rekuperabbi mir-riassigurazzjoni (R0370). Dan għandu jikkorrispondi għal:

- il-varjazzjoni fl-aħjar stima (l-aħjar stima tal-bidu bit-tnejha), il-varjazzjoni tal-marġni ta' riskju (bejn l-aħħar tas-sena ta' qabel u s-sena tar-rapportar), il-varjazzjoni tal-provvediment tekniku kkalkulata fl-intier tagħha (bejn l-aħħar tas-sena preċedenti u s-sena tar-rapportar) u l-varjazzjoni tal-miżura tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi;
- flimkien mal-ammont totali ta' flussi tekniċi netti, jiġifieri: flussi ta' dħul nieqes il-ħruġ (C0100/R0340 għal Ħajja u C0110/R0340 għal Mhux tal-Ħajja).

Mistoqsijiet dwar S.29.03 - Eċċess ta' Assi fuq I-Obbligazzjonijiet - spjegati mill-provvedimenti tekniċi⁴

Mistoqsija:

L-ġhan ta' S.29.03, mil-linjal R0150 sa R0270 huwa li jagħti dettalji dwar il-bidliet mill-Aħjar Stima tal-bidu għal dik tat-tmiem.

Għalhekk, għandna niksbu: il-bidu tal-BE (R0010) + Is-somma tal-bidliet (R0020+...+ R0110) = it-tmiem tal-BE (R0120)

Madankollu, il-linjal R0230 mhijiex dwar bidla fl-Aħjar Stima minħabba li tinkludi r-realizzazzjoni tal-fluss tal-flus. Għalhekk, ma jidhirx possibbli li tinkiseb l-ugwaljanza hawn fuq.

Tista' tagħti eżempju fejn jista' jintuża R0230?

Pereżempju:

- Run-off mill-bidu
- Il-bidu tal-BE = 100 (mingħajr fluss ta' flus previst fis-sena N)
- It-tmiem tal-BE = 100

⁴ Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet riċevuti biss għalkemm l-għoddha tal-EIOPA għandhom għadd. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet l-oħra ġew riċevuti matul il-proċess ta' konsultazzjoni ta' dan id-dokument.

Madankollu, matul N, il-kumpanija trid tħallas 20 (minflok ma kinitx prevista). Din l-esperjenza ma għandha l-ebda impatt fuq t-tmiem tal-BE fl-eżempju tagħna.

Il-varjazzjoni fl-Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet spjegata mill-Provvedimenti tekniċi hija -20.

Għandha l-20 tiġi rrapporata f'R0230 bħala bidla fil-provvediment JEW f'R0230 bħala R0320 bħala pretensjoni matul il-perjodu? (Jew f'R0240)

Tweġiba:

Fl-eżempju R0230 u R0240 m'għandhomx jirriflettu l-ammont imħallas matul issena li ma kienx rifless fl-aħjar stima tal-bidu u li muwiex rifless fl-aħjar stima tat-tmiem ukoll.

Ara l-ispiegazzjonijiet ipprovdu fid-dokument kemm fir-ringieli kif ukoll fl-eżempju 1 tal-Anness 1.

Mistoqsija:

Flussi tekniċi li jaffettwaw il-Provvedimenti tekniċi tal-ĦAJJA

Primjums sottoskritti matul il-perjodu R0310

Pretensjonijiet u Benefiċċi matul il-perjodu, netti mis-salvataġġi u s-surrogi R0320

Spejjeż (esklużi Spejjeż ta' investiment) R0330

L-impatt tal-bidla tal-BEL u l-Marġni ta' Riskju dwar l-Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet (EAL) huwa ġar b'mod intuwittiv. Iżda għandna dubju dwar x'aktar tqis l-EIOPA bħala ċirkustanza relatata mal-provvediment tekniku b'effett fuq l-EAL.

Tista' jekk jogħġbok tipprovdi spjegazzjoni aktar dettaljata x'aktar - minbarra l-varjazzjoni ta' TP infushom - suppost jiġi kopert fl-S.29.03.?

Tista' jekk jogħġbok tagħti eżempji tipiċi tal-Ħajja/tas-Sahħha taċ-ċirkostanzi meta R0310/R0320/R0330 f'S.29.03 suppost huma differenti minn żero?

F'verżjoni aktar antika tal-QRTs (VA C2C), il-Flussi tekniċi (minbarra l-aġġustament għas-salvataġġi u s-surrogi) kellhom jittieħdu mill-Kopertura A1 (issa S.05.01). Fil-verżjoni attwali tal-QRTs u l-LOGs, tali konnessjoni bejn il-Flussi tekniċi S.29.03 u S.05.01 mhijiex imsemmija aktar. Tista' jekk jogħġbok tispjega jekk għadek qed tara konnessjoni bejn S.05.01 u l-Flussi tekniċi f'S.29.03 u jekk iva, kif tidher il-konnessjoni.

Tweġiba:

Hemm konnessjoni mal-ammonti rrapporati fil-mudell S.05.01. Madankollu, il-mudell S.05.01 għandu jiġi rrapporat minn perspettiva kontabilistika, jiġifieri: Il-GAAP lokali jew l-IFRS jekk aċċettati bħala GAAP lokali filwaqt li l-mudelli S.29 għandhom jużaw il-valutazzjoni tas-Solvenza II. L-ammonti li għandhom jiġu

rrapportati f'din it-tabella għandhom ikunu konsistenti ma' dawk irrapportati f'S.05.01. Is-suppożizzjoni hija li kwalunkwe fluss ta' dħul u ħruġ ta' flus tekniku se jiġi rifless ukoll fir-responsabbiltà assunta fl-aħjar stima.

Mistoqṣija:

S.29.03 - Nista' jekk jogħġbok nikseb xi kjarifika dwar il-kalkolu ta' "Varjazzjoni tal-Aħjar Stima minħabba t-tnejħiha tar-rata ta' skont". X'inhi eżattament l-istruttura tar-rata tal-imgħax ittrasferita u għal liema ammont qed tiġi applikata?

Tweġiba:

It-tnejħiha tar-rati ta' skont tfisser l-użu tal-kurva tar-rata tal-imgħax partikolari mis-sena N-1. Minn dan inti tista' tiġibor l-“istruttura tat-terminu tar-rata forward tal-imgħax ta’ sena ta’ N-1”.

Matematikament, dan ifisser li tissolva l-ekwazzjoni $(1 + r_1) \cdot (1 + f_{1,M})^{M-1} = (1 + r_M)^M$, fejn r_1 u r_M jittieħdu mill-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax ta’ N – 1.

R0100 imbagħad jirrifletti l-aġġornament tal-kurva tar-rata tal-imgħax għal dik ġidha mis-sena N.

It-tnejħiha tar-rata ta' skont tirreferi għall-komputazzjoni tal-kurva forward ta' sena bbażata fuq l-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax tas-sena N-1. Il-bidla fir-rati ta' skont kif imsemmi f'R0100 tfisser li din l-istruttura tat-terminu tar-rata forward ta' sena tiġi sostitwita bl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax il-ġidha mis-sena N. Dan jippermetti li jiġi kopert l-effett tad-differenza fir-rati tal-imgħax mistennija fis-sena N (kif derivat minn N-1) meta mqabbla mar-rati tal-imgħax attwali fis-sena N.

Mistoqṣija:

Jekk jogħġbok tista' tagħti eżempju maħdum ta' kif S.29.03 u S.29.04 huma mimlija għal assiguratur mhux tal-ħajja peress li kunċettwalment, ma nafx dak il-mudell x'qed ifittem. Pereżempju, xi tfisser varjazzjoni fl-aħjar stima għar-riskji aċċettati matul il-perjodu? U l-varjazzjoni tal-BE minħabba s-sena N prevista fi fluss ta' dħul u ħruġ għal riskji aċċettati f'perjodi preċedenti?

Tweġiba:

F'S.29.03: L-għan huwa li joħorġu r-raġunijiet għall-varjazzjoni tal-BE, jiġifieri jekk kien hemm żieda ta' "x", kemm huwa relatat ma' negozju ġdid, ma' pretensjonijiet imħalla, ma' bidliet fir-rata tal-imgħax, eċċ.

R0050: jirrappreżenta l-ammont tal-BE fi tmiem il-perjodu li jikkorrispondi għal kuntratti/riskji li ġew aċċettati matul il-perjodu (jiġifieri ma kinux riflessi fil-bidu tal-BE)

R0070: Din ir-ringiela tista' tiġi kkalkulata fi tmiem is-sena N-1 mingħajr għarfien tar-realtà kif esperjenzata matul il-perjodu N. Tirreferi biss għan-newtralizzazzjoni tal-flussi ta' flus previsti għal dik is-sena.

Mistoqsija u Tweġiba 1379:

Ejja nassumu eżempju fejn għandna pretensjoni waħda biss ta' 100. Nistennew li nħallsu fis-sena ta' wara u nispiċċaw nindennizzaw il-pretensjoni b'50 fis-sena ta' wara.

Imbagħad l-aħjar stima tal-bidu tagħna tkun 100, it-tmiem tagħna 0 (każ indennizzat, mhux aktar provvediment).

Nassumu li Ċellola R0070 tkun -100 (test jissuġġerixxi dħul - ħruġ, għalhekk sinjal negattiv), qed nifhmu sew?

Mela ċellola R0080 x'inhi? Id-deskrizzjoni tidher li tissuġġerixxi li hija relatata mar-realizzazzjoni stretta tal-fluss tal-flus, dan ifisser 50? Iżda mbagħad il-bilanċ ma jiġix tajjeb...

Tista' jekk jogħġibok tipprovdi aktar kjarifika u jekk possibbli eżempju aktar dettaljat minn dak ta' hawn fuq?

Tweġiba:

Fl-eżempju, provvediment tal-pretensjoni ta' 100 li mistennija titħallas fis-sena n, 50 imħalla matul is-sena n. Din ir-ringiela għandha turi -100. Il-ħlas ta' 50 jiġi rrappurtat biss fi flussi tekniċi. Dan jassumi li l-pretensjoni ngħalqet. L-impatt ikun pożittiv fl-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet peress li l-pagament kien inqas milli mistenni.

Mistoqsija:

Kif jiġi inkluż il-marġni ta' riskju f'din l-analiżi tal-varjazzjoni? Skont il-LOG fajls, l-RM jidher li qiegħed inkluż.

Tweġiba:

Fil-biċċa l-kbira tal-mudell, l-Istruzzjonijiet jiddikjaraw li l-varjazzjonijiet fil-BE biss għandhom ikunu dettaljati (li jfisser, l-eskużjoni ta' RM). Il-marġni ta' riskju għandu jiġi kkunsidrat biss f'R0360/C0120 u C0130.

Mistoqsija u tweġiba 1143:

S.29.02 "Analiżi ta' bidliet minħabba investimenti u obbligazzjonijiet finanzjarji" QRT tkopri introjtu, qligħ, u telf fuq investimenti għajr assi miżmura għal fondi marbuta ma' indiċi u ma' unità. Il-log fajl S.29.02 jiddikjara "Fir-rigward tal-assi miżmura għal fondi marbuta ma' indiċi u ma' unità, l-aġġustament fuq fondi proprji bażiċi relatati mal-valutazzjoni jitqies fil-mudell S.29.03." Madankollu, skont il-log fajl rilevanti, C0090/R0300 f'S.29.03 "Analiżi ta' bidliet minħabba provvedimenti tekniċi" tidher li qed titlob għal moviment tal-karta tal-bilanç bejn il-bidu u t-tmiem tal-investimenti tal-fondi marbuta ma' indiċi u ma' unità. Il-moviment fil-bilanç tal-investimenti (S.29.03) mhuwiex l-istess bħall-moviment tal-valutazzjoni (introjtu, qligħ u telf) imsemmi fil-log fajl S.29.02 u dan jikkawża differenza. Aħna inkludejna din id-differenza f'C0030/R0250 f'S.29.01 "Analiżi tal-varjazzjoni ta' eċċess ta' assi fuq obbligazzjonijiet" hekk kif m'aħniex ċerti fejn inkella se nirregistrarha.

Jekk jogħġibok tista' tagħti parir jekk l-interpretazzjoni tagħna tal-mudelli S.29.02 u S.29.03 hijiex korretta u jekk iva, jekk jogħġibok tista' tikkonferma kif għandna nirrapprtaw id-differenza fil-valutazzjoni tal-investimenti f'fondi marbuta.

L-interpretazzjoni tagħna ta' R0250 "Varjazzjonijiet oħra fl-Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet f'S.29.01 hija li għandu jkun fiha varjazzjonijiet residwi mhux koperti minn ringieli oħra f'S.29.01. Il-varjazzjoni kkawżata mid-differenza fil-valutazzjoni tal-investimenti f'fondi marbuta (skont id-dettall fil-Mistoqsija ta' hawn fuq) tista' tkun pjuttost kbira u għalhekk ma nemmnu li għandha tiġi inkluża f'R0250, madankollu, jidher li ma hemm l-ebda post loġiku ieħor biex tiġi rrapportata.

Tweġiba:

L-impatt tan-negozju marbut ma' indiċi u ma' unità ġie diskuss u tqiesu l-kummenti u t-tħassib kollha li waslu. Dan id-dokument jirrifletti t-trattament li ġej għall-ammonti relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità:

- F'S.29.02 l-ammonti relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandhom jiġu inklużi bħal kwalunkwe assi oħra;
- F'S.29.03 l-ammonti kkalkulati bl-Aħjar Stima se jiġu koperti fit-tabella ewlenija, inklużi l-ammonti relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità;
- F'S.29.03.R0300, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmura minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u ta' provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-ħajnej stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom), inklużi l-flussi tekniċi, għandu jiġi rrapporat għall-informazzjoni;

- F'S.29.03., it-tieni tabella (R0310 sa R0350) tal-mudell tirrifletti l-flussi tekniċi li jaffettwaw il-provvedimenti tekniċi iżda li mhumiex riflessi fl-aħjar stima. Dawn l-ammonti għandhom jinkludu l-flussi tekniċi relatati ma' indiċi u ma' unità;
- F'S.29.03.R0360, l-ammonti jirreferu għall-provvedimenti tekniċi totali grossi, sabiex jinkludu l-aħjar stima, il-marġni ta' riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u l-miżura tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi, relatati wkoll ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità;
- F'S.29.01. l-ammonti relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità huma mbagħad jiġu riflessi f'R0190 (assi) u R0200 (provvedimenti tekniċi).

Mistoqsija u Tweġiba 1421:

Għandna kwistjoni li tikkonċerna l-analiżi tal-varjazzjoni. M'aħniex ċerti f'liema stadju għandna nirrapportaw il-varjazzjoni tal-aħjar stima minħabba l-previżjoni ta' flussi ta' flus futuri żbaljati, minħabba projezzjoni żbaljata ta' flussi ta' flus tal-ewwel sena.

Pereżempju:

Fl-istadju S.29.03 "Varjazzjoni tal-Aħjar Stima minħabba l-esperjenza u sorsi oħra - riskji aċċettati/koperti qabel il-perjodu (R0080/R0230)" irridu nirrapportaw biss l-ewwel sena. (Skont it-test legali 2015/2450: Il-varjazzjoni tal-Aħjar Stima koperta hawnhekk għandha tkun strettament relatata mar-realizzazzjoni stretta tal-flussi ta' flus meta mqabbla mal-flussi ta' flus li kienu previsti.)

Assumi fluss ta' flus previst ta' miljun minħabba ċediment, iżda l-fluss tal-flus reali kien ta' żewġ miljuni. Imbagħad dan se jaffettwa l-flussi ta' flus futuri kollha kif ukoll, bħal pereżempju l-flussi ta' flus li huma previsti ma jistgħux jibqgħu jseħħu minħabba li dawn il-kuntratti skadew. Konsegwentement, mhux biss il-fluss tal-flus fl-ewwel sena iżda l-flussi tal-flus l-oħra kollha għandhom jiġu adattati biex tinkiseb l-aħjar stima tat-tmiem.

B'konsegwenza ta' dan, il-pożizzjoni "bidliet oħra li mhumiex murija x'imkien ieħor (R0110/R0260)" tkun tinkludi ħafna pożizzjonijiet li jagħmlu l-analiżi tal-varjanza aktar diffiċċi biex tiġi interpretata.

Tweġiba:

Fir-rigward ta' dan l-eżempju għandu jiġi rrapporat dan li ġej:

- F'R0070 aġġustament għall-miljun previst;
- F'R0080 aġġustament għas-CF futur tas-sitwazzjoni l-ġdida wara żewġ miljuni ċediment;
- F'R0320 valur ta' ċediment.

Mistoqsijs u Tweġiba 1439:

Skont iż-żewġ Logs u mudelli, in-negozju dirett għandu jiġi diżaggregat skont UWY jew AY. Madankollu, skont il-qari tagħna, il-mudell tal-EIOPA tal-QRT ma jipprevedi l-ebda qasam ta' diżaggregazzjoni jew kolonni addizzjonali biex jiġu integrati pereżempju s-snin differenti tal-aċċidenti. Tista' jekk jogħġibok tikkonferma li m'hemmx għalfejn turi diżaggregazzjoni skont UWY jew AY f'din il-QRT?

Mistoqsijs u Tweġiba 1468:

Tista' jekk jogħġibok tikkonferma li m'hemmx bżonn li tintwera diżaggregazzjoni skont UWY jew AY fil-QRT S.29.03?

Mistoqsijs u Tweġiba 1512:

Irridu nikkonfermaw il-fehim tagħna dwar l-entrata 992. "EIOPA tikkonferma li għal kull linja ta' negozju irrapportata f'S.29.04 għandha tiġi rrapporata biss "Sena ta' Sottoskrizzjoni" jew "Sena ta' Aċċident".

Pereżempju, il-każ 1) il-kuntratt A u l-kuntratt B huma t-tnejn taħt linja ta' negozju waħda, ngħidu aħna 37-ħajja. Każ 2) L-Aħjar Stima taħt tip wieħed ta' kuntratt (flimkien ma' linja ta' negozju 37-ħajja) hija magħmulu minn żewġ partijiet: flussti ta' flus futuri skontati A flimkien ma' pretensjonijiet pendent B li mhumiex inklużi f'A. Imbagħad għandhom A u B jiġu rrapporati fl-istess kategorija (jew Sena ta' Sottoskrizzjoni jew Aċċident), jew jistgħu jiġi rrapporati b'mod differenti, jiġifieri A hija taħt is-Sena ta' Sottoskrizzjoni u B hija taħt is-Sena ta' Aċċident?

Mistoqsijs u Tweġiba 1513:

Fil-Log Fajl jingħad "...l-impriża tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif imexxu kull linja ta' negozju sakemm jużaw l-istess sena b'mod konsistenti, sena wara sena." Imbagħad nistgħu ngħidu għal kumpanija tal-ħajja, TP għandhom jiġu kkategorizzati taħt Sena ta' Sottoskrizzjoni? F'liema każ ta' kumpanija tal-ħajja li l-linjal ta' negozju titqies bħala ġestita f'sena ta' aċċident? Il-ġestjoni ta' mezzi ta' sottoskrizzjoni tar-responsabbiltà jew valutazzjoni jew tifsira oħra? Kif għandhom jiġu kkategorizzati l-pretensjonijiet pendent?

Tweġiba:

Il-mudell huwa maqsum bejn l-obbligi ġestiti skont is-sena tas-sottoskrizzjoni (R0010 sa R0140) u l-obbligi ġestiti skont is-sena tal-aċċident (R0150 sa R0290) L-impriża huma meħtieġa jirrapportaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' aċċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorită Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorită Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu

jintuża, allura l-impriżza tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif tiġġestixxi kull linja ta' negozju, kif definit fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, sakemm tuża l-istess b'mod konsistenti, minn sena għal sena. Din il-mistoqsija hija applikabbli l-aktar għal negozju mhux tal-ħajja u annwalitajiet. Fin-negozju tal-ħajja, minbarra annwalitajiet, hija mistennija sena ta' sottoskrizzjoni. Din l-għażla mhijiex relatata ma' kif tiġi kkalkulata l-aħjar stima u liema entrata tifforma l-aħjar stima iżda pjuttost, meta l-informazzjoni tintalab skont is-snin (jew il-perjodi fil-każ ta' S.29.04) f'kull sena/perjodu li għalihi jirreferi l-kuntratt.

Mistoqsija u Tweġiba 1460:

Għalkemm il-log fajl S.29.03 jiddikkjara b'mod ċar għal C0090/R0300 "Varjazzjoni f'Investimenti marbuta ma' unità" u d-definizzjoni hija "Ammont għandu jirrappreżenta l-varjazzjoni, fil-Karta tal-Bilanċ, tal-Assi miżmuma għal fondi marbuta ma' indiċi u ma' unità", dan il-qasam spiss jisseqja ġi "Varjazzjoni f'konnessjoni ma' unità" li toħloq xi konfużjoni.

Tikkonferma li l-intenzjoni hija li tiġi żvelata biss il-"Varjazzjoni f'Investimenti f'konnessjoni ma' unità" f'C0090/R0300?

Tweġiba:

F'S.29.03.R0300, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżimum minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u ta' Provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom), inklużi l-flussi tekniċi, għandu jiġi rrapporat għall-informazzjoni.

Mistoqsija u Tweġiba 1461:

Kuntratti marbuta ma' indiċi u ma' unità għandhom jiġu inklużi f'C0010/R0010-R0120 "L-Aħjar Stima" u C0030/R0130-R0140 "Rekuperabbi mir-Riassurazzjoni"?

Tweġiba:

L-aħjar stima relatata ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandha tiġi inkluża wkoll f'R0010 sa R0290, preferibbilett f'R0010-R0140, jiġifieri skont is-sena ta' sottoskrizzjoni. L-istess jaapplika għar-rekuperabbi mir-riassurazzjoni.

Mistoqsija u Tweġiba 1285:

Qed infittxu kjarifika dwar kif/fejn għandhom jiġu ppreżentati movimenti fil-Provvedimenti Tekniċi fl-Intier tagħhom u Valuri tal-Fond Unitizzat sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-QRTs S.29.03.01 u S.29.04.01 kif speċifikat fil-validazzjonijiet tal-EIOPA.

L-Analiżi tal-Varjazzjoni QRT S.29.03.01 u S.29.04.01 janalizzaw il-bidliet li jeċċedu l-Assi fuq l-Obbligazzjonijiet dovuti għal Provvedimenti Tekniċi. Dawn iż-

żewġ QRTs jispjegaw il-varjazzjoni fil-Provvediment Tekniku maqsum fid-diversi komponenti tiegħu. L-approċċ tagħna huwa li l-fondi kollha unitizzati fuq negozju purament marbut ma' unità huma kkunsidrati Provvediment Tekniku fl-Intier tiegħu u għalhekk il-bidla fil-Provvediment Tekniku fl-Intier tiegħu jirrifletti bidla fil-valur tal-Fond tal-Unità. L-ebda elementi oħra ma jikkontribwixxu għall-Provvediment Tekniku fl-Intier tiegħu.

L-interpretazzjoni tagħna tar-ringieli R0050 u R0060 f'S.29.04.01 hija għalhekk kif ġej:

- R0050 se juri l-varjazzjoni kollha fil-fond tal-unità u,
- R0060 se jkun żero

Dan se jiżgura li l-Varjazzjoni fil-Provvedimenti Tekniċi bħala rि�żultat tal-varjazzjoni fil-Provvediment Tekniku fl-Intier tiegħu (jiġifieri l-fond tal-unità) tintwera darba biss. Dan jippermetti li t-Total (R0070) jirrifletti l-pożizzjoni netta tar-ringieli ta' hawn fuq.

Taqbel ma' din il-preżentazzjoni?

Bi-istess mod, il-fehma tagħna hija li S.29.03.01 R0300/C0090 għandu juri l-“Varjazzjoni f’investimenti f’Rabta ma’ Unità” li, f’konformità mal-metodoloġija tagħna, tkun tirrifletti l-Varjazzjoni fil-Provvediment Tekniku fl-Intier tiegħu.

L-isfida għal dan l-approċċ tirriżulta meta tiġi kkunsidrata l-konsistenza bejn iż-żewġ QRTs. Ġie ssuġġerit lilna li S.29.03.01 R0300/C0090 għandu jkun daqs is-somma ta' S.29.04.01 R0060 fil-linji kollha tan-negożju. Madankollu, dan iwassal biex il-moviment tal-Provvedimenti Tekniċi fl-Intier tagħhom ma jiġix rifless f'S.29.03.01. Tista' tagħti parir dwar kif/fejn għandna nwasslu l-movimenti fit-TP fl-intier tiegħu biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ mudelli?

Innota hawn fuq jirreferi biss għall-Approċċ għas-Sena ta' Sottoskrizzjoni peress li s-Sena ta' Aċċidenti mhijiex applikabbli għan-negożju tagħna.

Tweġiba:

Rigward it-trattament ta' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità, irrispettivament minn kif jiġi kkalkulat it-TP, jekk jogħġibok ara l-mistoqsija preċedenti.

Fir-rigward tal-kuntratti vvalutati bħala TP ikkalkulati fl-intier tagħhom (fil-każ li tiddekskri, in-negożju marbut ma' unità tiegħek) it-tabella ewlenja f'S.29.03 (minn R0010 sa R0290) tirrifletti biss ammonti relatati mal-aħjar stima, jiġifieri ma tinkludix il-marġni ta' riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u lanqas il-miżura tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi. Madankollu, f'R0360 l-ammont jirreferi għall-provvedimenti tekniċi (jiġifieri inklużi l-aħjar stima, il-marġni ta' riskju, il-provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom u l-miżura tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi). F'dan il-każ R0360 tkun l-unika waħda fejn jiġu rrapporati l-provvedimenti tekniċi tan-negożju marbuta ma' indiċi u ma' unità li huma kkalkulati bħala TP fl-intier tiegħu. Jekk

jogħġbok innota li fi kwalunkwe każ il-flussi tekniċi relatati ma' negozju marbut ma' indiċi u ma' unità għandhom jiġu rrapportati f'S.29.01.R0310 sa R0350.

F'S.29.04.R0060 u R0130, kif iddikjarat hawn fuq, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmuma minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u tal-Provvedimenti Tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom), inklużi l-flussi tekniċi, għandu jiġi rrapporat maqsum skont il-perjodi għall-informazzjoni (l-istess valur bħal f'S.29.03.R0300).

Mistoqsija u Tweġiba 1378:

Kif tista' tifhem "Varjazzjoni fl-investiment f'UL" R0300? Eż., għal kuntratt UL ġdid bi primjums sottoskritti ta' EUR 100, ngħidu aħna investiment kapitali UL ta' EUR 100 ukoll u nassumu l-ebda bidla fis-suq finanzjarju sa tmiem is-sena. Għalhekk il-BEL jiżdied b'EUR 100 u l-istess għall-“varjazzjoni fl-investimenti f'UL”. Imbagħad l-impatt totali għal R0360 minħabba dan il-kuntratt ikun (-delta BEL - varjazzjonijiet fl-investiment f'UL + flussi tekniċi) = -100 - 100 + 100 = -100, li ma jidherx li huwa tajjeb. Huwa dan dak li hu mistenni? Forsi x'imkien ieħor f'S.29.01, hemm entrata pożittiva oħra b'+ 100?

Tweġiba:

F'S.29.03.R0300, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmuma minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u ta' Provvedimenti Tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom) għandu jiġi rrapporat għall-informazzjoni.

Fil-flussi tekniċi li jaffettwaw il-provvedimenti tekniċi iżda li mhumiex riflessi fl-aħjar stima, l-ammonti għandhom jinkludu l-flussi tekniċi relatati ma' rabtiet ma' indiċi u ma' unità. Għalhekk, l-ammont għandu jiġi kkalkulat bħala (-varjazzjonijiet fl-investiment f'UL + flussi tekniċi) = -100 + 100 = 0, minħabba li delta BEL = 0 f'dan il-każ minħabba li huwa rifless fil-BE tat-tmiem.

Mistoqsija u Tweġiba 1397:

Jidher li l-flussi tekniċi jiġifieri "Primjum Sottoskritt matul il-perjodu", "Pretensjonijiet u Benefiċċi matul il-perjodu", "Spejjeż (eskuži spejjeż ta' investiment" u "Flussi tekniċi relatati mar-riassurazzjoni matul il-perjodu" kif irrapportati f'S.29.03 huma bbażati fuq ir-riċevuta attwali u l-pagamenti fi flus kontanti matul il-perjodu ta' rapportar. Għalhekk, peress li l-Provvedimenti Tekniċi huma bbażati fuq flussi ta' flus futuri/previsti, mhux se jkun possibbli li l-pagamenti u l-irċevuti attwali fi flus kontanti matul il-perjodu ta' rapportar jintużaw fi Provvedimenti Tekniċi għajr li tiġi riveduta l-istima tal-flussi ta' flus previsti. Tista' jekk jogħġbok tikkonferma jekk il-fehim tagħna huwiex korrett?

Tweġiba:

Qed tifhem tajjeb. Madankollu, jekk jogħġbok innota li fir-rigward tal-primjums għandhom jiġu rrapportati l-primjums sottoskritti matul il-perjodu (il-primjums attwalment dovuti li jiġu riċevuti f'dik is-sena).

Mistoqsijs u Tweġiba 1458:

In-noti ta' spjegazzjoni dwar il-VA QRTs u l-log fajl għal S.29.03 jiddikjaraw li l-oqsma C0100/R0310-R0350 fit-tabella S.29.03.01.06 "jirriflettu l-flussi tekniċi li jaffettwaw il-provvedimenti tekniċi iżda li mhumiex riflessi fl-aħjar stima tat-tmiem".

Tista' jekk jogħġbok tagħtina eżempju għan-Negozju tal-ħajja fejn dawn il-flussi tekniċi huma mistennija li ma jkunux żero?

Tweġiba:

F'dawn iċ-ċelloli għandhom jiġu rrapportati l-flussi tal-flus rigward il-pretensjonijiet u l-benefiċċji saldati, inklużi dawk previsti qabel. Eżempju wieħed huwa l-ħlas wara mewta waħda, jiġifieri kien previst, seħħi, ġie stabbilit u ma għadux fl-aħjar stima tat-tmiem.

S.29.04 - Analiżi dettaljata għal kull perjodu - Flussi tekniċi kontra Provvedimenti tekniċi⁵

- 1.50. Il-mudell S.29.04 għandu l-għan li jagħti analiżi aktar dettaljata, għal kull linja ta' negozju, tal-varjazzjonijiet tekniċi skont l-okkorrenza tar-riskji. L-informazzjoni rrapportata f'dan il-mudell għandha tkun konsistenti, kif imsemmi hawn fuq għal S.29.03, mal-informazzjoni rrapportata f'S.05.01. Il-metodi ta' allokazzjoni għall-qsim skont il-linjal ta' negozju u skont il-perjodi huma possibbli iżda huwa mistenni li din l-informazzjoni tkun disponibbli mingħajr il-ħtieġa ta' metodi ta' allokazzjoni mill-inqas skont il-linjal ta' negozju.
- 1.51. Il-mudell huwa maqsum bejn is-sena ta' sottoskrizzjoni u s-sena ta' aċċident. L-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorità Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu jintuża, allura l-impriżza tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif tiġġestixxi kull linjal ta' negozju, kif definit fl-Anness I għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, sakemm tuża l-istess b'mod konsistenti, minn sena għal sena. Din l-għażla mhijiex relatata ma' kif tiġi kkalkulata l-aħjar stima u liema entrata tifforma l-aħjar

⁵ Il-mistoqsijsiet u t-tweġibiet riċevuti biss għalkemm l-għoddha tal-EIOPA għandhom għadd. Il-mistoqsijsiet u t-tweġibiet l-oħra waslu matul il-proċess ta' konsultazzjoni ta' dan id-dokument.

stima iżda pjuttost, meta l-informazzjoni tintalab skont is-snin (jew il-perjodi fil-każ ta' S.29.04) f'kull sena/perjodu li għaliх jirreferi l-kuntratt.

Detailed analysis per period - Technical flows versus Technical provisions - UWY

Line of Business		
	Risks accepted during period	Risks accepted prior to period
	C0010	C0020
Written premiums underwritten during period	R0010	
Claims and benefits - net of salvages and subrogations recovered	R0020	
Expenses (related to insurance and reinsurance obligations)	R0030	
Variation of Best Estimate	R0040	
Variation of TP as a whole	R0050	
Adjustment of valuation of Assets held for unit-linked funds	R0060	
Total	R0070	

Detailed analysis per period - Technical flows versus Technical provisions - AY

	Risks covered after the period	Risks covered during the period	Risks covered prior to period
	C0030	C0040	C0050
Premiums earned/to be earned	R0080		XX
Claims and benefits - net of salvages and subrogations recovered	R0090		XX
Expenses (related to insurance and reinsurance obligations)	R0100		
Variation of BE	R0110		
Variation of TP as a whole	R0120		
Adjustment of valuation of Assets held for unit-linked funds	R0130		
Total	R0140		

1.52. Bażikament dan il-mudell jiġbor fil-qosor parti mill-informazzjoni pprovduta fil-mudell S.29.03 (varjazzjoni ta' BE u flussi tekniċi) iżda minn naħħa oħra jeħtieġ livell ogħla ta' granularità bil-qasma bejn qabel/matul/wara l-perjodu u maqsuma skont il-Linja tan-Negozju.

1.53. L-ammonti kollha li għandhom jiġu rrapporati f'R0010 sa R0050 u minn R0080 sa R0120 għandhom jinkludu ammonti relatati ma' negozji marbuta ma' indiċi u ma' unità. F'R0060 u R0130 l-impatt nett fuq l-EoAoL tal-ammont tal-assi miżmuma minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u ta' provvedimenti tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom) għandu jiġi rrapporat maqsum skont perjodi għall-informazzjoni. B'din l-applikazzjoni l-ġdidha għal negozju marbut ma' indiċi u ma' unità BV148 u BV149 għandhom jiġu emendati (il-validazzjonijiet ma għandhomx jinkludu referenzi għal R0060 u R0130).

1.54. L-ammonti li għandhom jiġu rrapporati għandhom ikunu konsistenti, irrispettivament minn jekk tintużax is-sena ta' sottoskrizzjoni jew is-sena ta' aċċident, mal-mudell S.29.03 iżda mhux eżattament l-istess:

- S.29.04.R0010 u R0080 - Primjums: l-ebda validazzjoni bejn S.29.04 u S.29.03. Madankollu huwa mistenni li l-ammonti jkunu l-istess bħal dawk irrapportati f'S.29.03.R0310. Fiż-żewġ każijiet għandhom ikunu primjums attwalment dovuti li jiġu riċevuti f'dik is-sena;
- S.29.04.R0020 u R0090 - Pretensjonijiet u benefiċċji: huwa mistenni li l-ammonti rrapporati kemm f'S.29.03 kif ukoll f'S.29.04 ikunu l-istess (ara BV509).
- S.29.04.R0030 u R0100 - Spejjeż: huwa mistenni li l-ammonti rrapporati kemm f'S.29.03 kif ukoll f'S.29.04 ikunu l-istess (ara BV510). Dubju wieħed li jista' jinqala' jkun l-ispejjeż tal-investiment, madankollu kemm f'S.29.03 kif ukoll f'S.29.04 l-ammont fuq l-ispejjeż għandu jeskludi kwalunkwe spiża ta' investiment.

1.55. Għandhom jiġu rrapporati biss il-flussi tal-flus tekniċi msemmija b'mod espliċitu. Kwalunkwe fluss tekniku ieħor għajr primjums, pretensjonijiet u benefiċċji netti mis-salvataġġi u s-surrogi u l-ispejjeż li jeskludu l-ispejjeż tal-investiment ma għandhomx jiġu rrapporati f'dan il-mudell (ara wkoll il-kumment dwar S.29.01.R0250).

1.56. Fiċ-ċelloli S.29.04.R0040 u R0110, l-ammonti għandhom jirriflettu biss il-varjazzjoni marbuta direttament mal-aċċettazzjoni tar-riskji (ara BV 512 u BV 513). B'mod speċifiku:

- S.29.04.R0040/C0010 = S.29.03.R0050/C0010+C0020
- S.29.04.R0040/C0020 = S.29.03.R0060 sa R0100/C0010+C0020
- S.29.04.R0110/C0030 = S.29.03.R0190/C0050+C0060
- S.29.04.R0110/C0040 = S.29.03.R0200/C0050+C0060
- S.29.04.R0110/C0050 = S.29.03.R0210 to R0250/C0050+C0060

1.57. Il-varjazzjoni skattata pereżempju minn bidliet fil-perimetru jew varjazzjoni fil-kambju m'għandhiex tiġi rrapporata f'S.29.04. Dan ifisser li dawn iċ-ċelloli ma jirriflettux il-varjazzjoni totali tal-aħjar stima.

1.58. F'S.29.04.R0060 u R0130, kif iddiċċarat hawn fuq, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmura minn negozju marbut ma' indiċi u ma' unità u tal-Provvvedimenti Tekniċi - marbuta ma' indiċi u ma' unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta' riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom), inklużi l-flussi tekniċi, għandhom jiġu rrapporati maqsuma skont il-perjodi għall-informazzjoni. Dan l-ammont għandu jkun l-istess bħall-ammont irrapportat f'S.29.03.R0300/C0090.

1.59. L-ammonti għandhom jiġu rrapporati pożittivi jekk ikunu konformi man-natura tagħhom, eż. flussi ta' dħul ta' flus relatati mal-primjums bħala flussi pożittivi u ta' ħruġ ta' flus relatati mal-pretensjonijiet bħala pożittivi wkoll:

- R0010/R0080: ġeneralment bħala pożittiv (jekk id-dħul ta' flus kif mistenni) (ara wkoll BV148 u BV149);
- R0020/R0090 u R0030/R0100: ġeneralment bħala pożittivi (jekk il-ħruġ tal-flus kif mistenni) (ara wkoll BV148 u BV149);
- R0040/R0110 u R0050/R0120: tnaqqis ta' BE bħala negattiv (ara wkoll BV148 u BV149);
- R0060/R0130: il-kontribuzzjoni għaż-żieda ta' EoAoL għandha tiġi rrapportata bħala ammont pożittiv (eż. jekk il-BE tnaqqas).

1.60. L-aspett l-aktar importanti ta' dan il-mudell huwa li jirrifletti kemm jista' jkun l-analiżi mwettqa mill-impriża u li jinżamm b'mod konsistenti matul iż-żmien. F'każ ta' dubju, l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jikkuntattjaw lill-NSA tagħhom.

1.61. Jekk jogħġibok ara l-proposta biex tikkoreġi/temenda l-Istruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.

Mistoqsijet dwar S.29.04 - Eċċess ta' Assi fuq l-Obbligazzjonijiet - spjegati mill-provvedimenti tekniċi

Mistoqsija u Tweġiba 1093:

L-ewwel mistoqsija hija, għandna nkunu kapaċi nirrikonċiljaw it-totali f'R0070 ta' S.29.04 għal kwalunkwe ħaġa f'S.29.03? Il-mod kif huwa stabbilit, naħseb li għandna nkunu kapaċi nirrikonċiljaw ma' ċellola R0360/C0120 f'S.29.03, madankollu l-approċċi attwali mogħti fil-log fajl ifisser li dan ma jaħdimx.

Jekk nassumu li għandna nkunu kapaċi li nirrikonċiljaw - għaliex C0020/R0040 f'S.29.04 huwa ristrett li jaqbad C0010/R0070 u C0020/R0070 biss minn S.29.03? Ir-ringiela R0040 f'S.29.04 hija intitolata "Varjazzjoni tal-Aħjar Stima", li żgur li għandha tħinkludi kollox f'S.29.03 bejn ir-ringieli R0020 u R0110; R0060 huma riskji aċċettati matul il-perjodu, il-bqija huma movimenti fir-riskji aċċettati qabel il-perjodu.

Ir-ringieli l-oħra kollha jistgħu jiġi rikonċiljati:

- R0010 f'S.29.04 jaqbel ma' R0310 f'S.29.03
- R0020 f'S.29.04 jaqbel ma' R0320 f'S.29.03
- R0030 f'S.29.04 jaqbel ma' R0330 f'S.29.03
- R0060 f'S.29.04 jaqbel ma' R0300 f'S.29.03

- Hemm biss eċċeżżjoni waħda oħra; għandna bżonn nimlew R0050 bil-moviment fil-Marġni ta' Riskju sabiex inkunu nistgħu nirrikonċiljaw eżattament. R0360 f'S.29.03 huwa l-moviment totali fil-provvedimenti tekniċi, filwaqt li l-movimenti kollha f'S.29.04 sa issa huma movimenti fl-aħjar stima.

Tweġiba:

L-analiżi tiegħek hija parzialment korretta. Ir-ringieli li ġejjin jistgħu jiġu rikonċiljati:

- R0010 u R0080 f'S.29.04 jaqblu ma' S.29.03.R0310;
- R0020 u R0090 f'S.29.04 jaqblu ma' S.29.03.R0320;
- R0030 u R0100 f'S.29.04 jaqblu ma' S.29.03.R0330;
- R0060 u R0130 f'S.29.04 jaqblu ma' S.29.03.R0300 (iżda jekk jogħġibok ara t-tifsira l-ġidida).

S.29.04.R0040/R0110 ma jirriflettix il-varjazzjoni totali tal-aħjar stima. Jekk jogħġibok ara l-kjarifika hawn fuq u l-proposta li qed titressaq biex tikkoreġi/temenda l-Istruzzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati sal-aħħar ta' Marzu.

Fir-rigward tal-Marġni ta' Riskju, l-ammont ma għandux jiġi rrapporat f'S.29.04. L-istess japplika għall-ammont tranżizzjonali dwar il-provvediment tekniku.

Mistoqṣija u Tweġiba 1224:

Fir-rapport S.29.04 ċellola R0110/C0050, liema valuri għandhom jiġu mwassla, ma nista' nsib l-ebda validazzjoni dwar din iċ-ċellola, iżda kif naraha għandi żewġ għażliet:

1. Minn S.29.03 R0220/C0050+C0060
2. Minn S.29.03 R0210-R0250/C0050+C0060

Liema waħda hija korretta?

Tweġiba:

Iċ-ċellola S.29.04.R0110/C0050 għandha tirrifletti l-varjazzjoni tal-BE kif irrapportata fiċ-ċelloli S.29.03.R0210 sa R0250.

Mistoqṣija u Tweġiba 1459

Il-log fajl S.29.04 jiddikjara għal R0060 "Aġġustament tal-valutazzjoni ta' Assi miżmuma għal fondi marbuta ma' unità" li "Din l-entrata hija miżjudha mal-

primjums u għandha l-intenzjoni li telimina l-impatt minn fondi marbuta ma' unità.”

Madankollu, il-primjums f'R0010 (= S.29.03.01 R0310) ikopru biss “flussi tekniċi li jaffettaw il-provvedimenti tekniċi iżda li mhumiex riflessi fl-aħjar stima tat-tmiem”, jiġifieri l-primjums riflessi fil-BE tat-tmiem ma jkunux inklużi f'dan il-bilanċ.

Għalhekk, kif il-fatt li tīgħi miżjud R0060 (= S.29.03.01 R0300 “Varjazzjoni f’assi UL”) jelimina l-impatt minn fondi marbuta ma’ unità?

Tweġiba:

L-ammonti kollha li għandhom jiġu rrapporati f'R0010 sa R0050 u minn R0080 sa R0120 għandhom jinkludu ammonti relatati ma’ negozji marbuta ma’ indiċi u ma’ unità. F'R0060 u R0130, l-impatt nett tal-ammont tal-assi miżmuma minn negozju marbut ma’ indiċi u ma’ unità u ta’ provvedimenti tekniċi - marbuta ma’ indiċi u ma’ unità (ikkalkulati bħala l-aħjar stima u marġni ta’ riskju jew ikkalkulati fl-intier tagħhom) għandu jiġi rrapporat maqsum skont il-perjodi għall-informazzjoni. B'din l-applikazzjoni l-ġidha għal negozju marbut ma’ indiċi u ma’ unità BV148 u BV149 għandhom jiġu emendati.

Mistoqsija u Tweġiba 1486 (u 998):

Skont il-log fajl “Spejjeż (relatati mal-obbligi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni)” għall-kategoriji kollha tar-riskju (jiġifieri r-riskji aċċettati matul il-perjodu eċċ-) ta’ S.29.04 jeħtieġ li jiġu rikonċiljati ma’ “C0100-C0110/R0330” ta’ S.29.03. Madankollu, b'differenza minn S.29.03, fejn ir-rekwiżit jgħid li dawk l-ispejjeż biss għandhom jiġu rrapporati li mhumiex inklużi fil-kalkolu tal-Aħjar Stima, S.29.04 essenzjalment ma jgħidx dan. Ifisser li S.29.04 għandu jkollu dettalji tal-ispejjeż irrispettivament minn jekk humiex inklużi fil-kalkolu tal-Aħjar Stima jew le? Jekk iva, allura kif il-valuri tal-ispejjeż tal-kategoriji kollha tar-riskju f’S.29.04 jirrikonċiljaw ma’ S.29.03? Tista’ jekk jogħġibok tikkonferma.

Tweġiba:

Fir-rigward ta’ S.29.04.R0030 u R0100 - Spejjeż huwa mistenni li l-ammonti rrapporati kemm f’S.29.03 kif ukoll f’S.29.04 ikunu l-istess (ara BV510). Dubju wieħed li jista’ jirriżulta jkun l-ispejjeż tal-investiment, madankollu kemm f’S.29.03 kif ukoll f’S.29.04 l-ammont tal-ispejjeż għandu jeskludi kwalunkwe spiża inkluża fl-aħjar stima bħall-ispejjeż tal-investiment.

